II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ġunju 2006

dwar il-finanzjament *ad hoc* tax-xandara tas-servizz pubbliku Olandiż Għajnuna ta' l-Istat Nru C 2/2004 (ex NN 170/2003)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2006) 2084)

(It-test Olandiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/136/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet imsemmijin hawn fuq [1],

Wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

I. PROĊEDURA U SFOND

1. **PROĊEDURA**

(1) Matul l-2002 [2] u l-2003 [3] l-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li jallegaw li s-sistema ta' finanzjament pubbliku attwali għal xandara pubbliċi Olandizi tikkostitwixxi Għajnuna ta' l-Istat illegali u inkumpatibbli skond l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(2) Matul l-investigazzjoni preliminari ta' l-ilmenti, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni addizzjonali mill-kwerelanti [4] kif ukoll mill-awtoritajiet Olandiżi [5].

[1] ĠU C 61, p. 8 ta' l-10.3.2004.

[2] B'ittra ta' l-24 ta' Mejju 2002 mis-CLT-UFA u s-sussidjarji assoċjati RTL/Holland Media Groep SAA u Yorin TV BV; b'ittra ta' l-10 ta' Ottubru 2002 mill-SBS Broadcasting; b'ittra tat-28 ta' Novembru 2002 minn VESTRA.

[3] B'ittra tat-3 ta' Ġunju 2003 mid-*Dutch Newspaper Publishers Association* u b'ittra tad-19 ta' Ġunju 2003 mill-kumpannija ta' l-istampar *De Telegraaf*.

[4] B'ittra tad-29 ta' Ġunju 2002, it-28 ta' Ottubru 2002, il-21 ta' Frar 2003 u żewġ ittri datati d-19 ta' Ġunju 2003.

[5] B'ittri tat-12 ta' Settembru 2002 u t-18 ta' Settembru 2002, fi tweġiba għal talba ta' informazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-24 ta' Ġunju 2002.

(3) Wara l-evalwazzjoni preliminari ta' l-allegati miżuri ta' għajnuna, il-Kummissjoni informat lill-Olanda b'ittra datata 3 ta' Frar 2004, li hija kienet iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward ta' ċerti miżuri li jistgħu jkunu kkwalifikati bħala għajnuna ġdida.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' ftuħ tal-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ([6]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna.

(5) L-Olanda wieġbet għad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura b'ittra datata 30 ta' April 2004. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn 11-il parti interessata ([7]). B'ittra tad-29 ta' April 2004 il-Kummissjoni ppreżentat il-kummenti lill-Olanda. Ir-reazzjoni mill-awtoritajiet Olandiżi ntbagħtet b'ittra datata 13 ta' Awissu 2004.

(6) Il-Kummissjoni staqsiet mistoqsijiet addizzjonali lill-awtoritajiet Olandiżi bl-ittri ta' l-4 ta' Jannar 2005 u l-25 ta' Mejju 2005 li għalihom l-awtoritajiet Olandiżi wieġbu bl-ittri tas-27 ta' Jannar 2005 u l-25 ta' Lulju 2005. Intbagħtet informazzjoni addizzjonali minn wieħed mill-kwerelanti (*De Telegraaf*) fil-25 ta' Lulju 2005 u mill-awtoritajiet Olandiżi fit-2 ta' Settembru. Il-Kummissjoni staqsiet lill-awtoritajiet Olandiżi għal kjarifika ulterjuri b'*emails* fit-22 ta' Novembru 2005, li għalihom l-awtoritajiet wieġbu fil-25 ta' Novembru 2005. Il-Kummissjoni ddeċidiet wara laqgħa ma' l-awtoritajiet li kienet meħtieġa kjarifika ulterjuri. Għal dan il-għan intbagħtet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Olandiżi fit-22 ta' Diċembru 2005 li għaliha l-awtoritajiet Olandiżi, wara li ngħataw permess għal dewmien, wieġbu fit-3 ta' Frar 2006. Fir-rigward ta' din it-tweġiba aktar *emails* ġew skambjati bejn l-awtoritajiet Olandiżi u l-Kummissjoni fi Frar 2006 u f'April 2006.

(7) Laqgħa bejn l-awtoritajiet Olandiżi u l-Kummissjoni saret fl-24 ta' Settembru 2004. Laqgħa ma' *De Telegraaf* saret fis-27 ta' Ottubru 2004. Laqgħa ma' *Broadcast Partners* saret fil-5 ta' Jannar 2005. Laqgħa bejn RTL u l-Kummissjoni saret fis-27 ta' Lulju 2005 u bejn VESTRA u l-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2005. Il-Kummissjoni kellha laqgħa oħra ma' l-Awtoritajiet Olandiżi fl-1 ta' Frar u fl-14 ta' Frar 2006.

([6]) ĠU C 61, p. 8 ta' l-10.3.2004.

([7]) Assoċjazzjoni tat-Televiżjoni Kummerċjali fl-Ewropa (ACT), b'ittra datata 15 ta' April 2004, b'faks datata 8 ta' April 2004; Imsieħba tax-Xandir, verżjoni finali b'ittra datata 27 ta' April 2004; CLT-UFA, RTL/HMG en Yorin (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CLT-UFA"), b'ittra datata 14 ta' April 2004; *De Telegraaf*, b'ittra datata 5 ta' April 2004; b'ittra datata 21 ta' April 2004; SBS Broadcasting BV, b'ittra datata s-26 ta' April 2004; Brancheverenigingen van Nederlandse kabelbedrijven (VECAI) b'ittra datata 8 ta' April 2004; Vereniging van Commerciële Radio (VCR), b'ittra datata 13 ta' April 2004.

(8) Barra minn din il-proċedura dwar "għajnuna ġdida", il-finanzjament tax-xandara tas-servizz pubbliku (minn hawn 'il quddiem: PSB) permezz ta' ħlasijiet annwali ta' l-Istat u l-Fond ta' Stimolu (*Stifo, Stichting Stimuleringsfonds Nederlandse Culturele Omroepproducties*) ([8]) qed jiġu valutati fi proċedura ta' "għajnuna eżistenti" (ara għajnuna ta' l-Istat Nru E-5/2005). Fid-deċiżjoni attwali l-Kummissjoni tirreferi għall-miżuri li huma l-oġġett tal-"proċedura ta' l-għajnuna eżistenti" biss safejn meħtieġ biex tipprovdi stampa ġenerali tal-finanzjament tax-xandir pubbliku. Madankollu, hija mhux ser tittratta l-kwistjoni tal-kumpatibilità mar-regoli ta' għajnuna ta' l-istat ta' ħlasijiet annwali regolari u tal-ħlasijiet mill-Fond ta' Stimolu.

(9) Din id-Deċiżjoni ser tkun limitata wkoll għall-evalwazzjoni tal-finanzjament ta' l-attivitajiet prinċipali tal-PSB ('il hekk imsejħa kompiti prinċipali) u b'hekk teskludi attivitajiet sekondarji bħas-servizzi l-ġodda tal-mezzi tax-xandir, il-provvista ta' l-SMS u l-*i-mode*. B'mod simili, din id-deċiżjoni mhux ser titratta dwar l-investiment min-NOS fl-operatur tan-netwerk Nozema, li skond l-ilmenti seta' ma sarx skond termini tas-suq. Dawn il-kwistjonijiet ser jiġu ttrattati separatament.

(10) Finalment, id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali kopriet il-proċedura sa mill-1992. Minkejja dan, jidher li l-ewwel ħlasijiet *ad hoc* saru biss fl-1994. Barra minn hekk, figuri sa l-2005 issa huma disponibbli u għandhom jiġu kkunsidrati. Il-perjodu kopert bid-deċiżjoni jkollu għalhekk firxa mill-1994 – meta sar l-ewwel pagament *ad hoc* – sa l-2005 – li hija l-aħħar sena li għaliha huma disponibbli l-figuri finali. Għandu jiġi osservat li l-awtoritajiet Olandiżi stiednu lill-Kummissjoni wkoll biex tikkunsidra l-2006. Il-figuri għall-2006 huma madankollu biss proviżorji u għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAS-SISTEMA TAX-XANDIR PUBBLIKU

(11) Dan il-Kapitolu l-ewwel ser jistabbilixxi fit-taqsima 2.1 l-atturi fil-qasam tax-xandir pubbliku u mbagħad fit-taqsima 2.2, l-elementi differenti fis-sistema ta' finanzjament għat-taqsima tax-xandir Olandiż in ġenerali. F'dak ir-rigward, hija ser tiddiskrivi d-dispożizzjonijiet legali li jagħtu dmirijiet ta' servizz pubbliku lix-xandara, ser jiġi spjegat x'inhuma l-mekkaniżmi ta' finanzjament differenti (ħlasijiet annwali u ħlasijiet *ad hoc*), u finalment ser tispjega liema riżervi ġew akkumulati u użati mix-xandara pubbliċi għat-twettiq tal-kompitu pubbliku tagħhom. Sussegwentement, l-attivitajiet kummerċjali kif imwettqin mix-xandara pubbliċi Olandiżi ser jiġu diskussi (it-taqsima 2.5). It-taqsima 2.6 tispjega x-xiri tad-drittijiet tal-futbol min-NOS u t-taqsima 2.7 titratta dwar ir-relazzjoni bejn ix-xandara u l-operaturi tal-kejbil. Finalment, it-taqsima 2.8 tistabbilixxi liema miżuri huma s-suġġett ta' din il-proċedura.

([8]) Il-każ NN 32/91, approvat mill-Kummissjoni f'Lulju 1991.

2.1 Atturi fis-settur (pubbliku) tax-xandir

(12) Is-sistema tax-xandir tas-servizz pubbliku tikkonsisti f'organizzazzjonijiet differenti, inkluż tmien assoċjazzjonijiet privati, (xandara privati ma' membri li ngħataw dmirijiet ta' servizz pubbliku) u għaxar fondazzjonijiet privati (xandara privati mingħajr membri li ngħataw dmirijiet ta' servizz pubbliku) ([9]).

(13) Minbarra x-xandara li ssemmew qabel, is-sistema ta' servizz pubbliku tinkludi attur ieħor – in-NOS – li għandu rwol doppju. L-ewwel rwol huwa dak ta' xandar tas-servizz pubbliku, responsabbli għal programmi tat-TV u tar-radju (taħt l-isem ta' "NOS RTV"). It-tieni rwol huwa dak ta' koordinatur tas-sistema kollha ta' xandir tas-servizz pubbliku, liema rwol huwa eżerċitat mill-bord ta' ġestjoni tan-NOS ('il hekk imsejħa "Publieke Omroep" minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala PO). Il-PO, li l-funzjonijiet u l-kompiti tagħha huma mogħtija mill-Att dwar il-mezzi tax-xandir, tistimola koperazzjoni bejn ix-xandara pubbliċi, tikkoordina it-tliet stazzjonijiet tat-TV pubblika u tirrapporta darbtejn f'sena dwar l-attivitajiet tax-xandara pubbliċi lill-awtorità tal-mezzi tax-xandir.

(14) In-NOS tirċievi finanzjament mill-baġit tal-mezzi tax-xandir għaż-żewġ kompiti mwettqin bħala "PO" u dawk imwettqin bħala NOS RTV.

(15) Il-programmi tat-TV tas-servizz pubbliku huma mxandrin mix-xandara tas-servizz pubbliku fuq tliet stazzjonijiet pubbliċi ([10]).

(16) L-Organizzazzjoni ta' Produzzjoni tax-Xandara Olandiżi (*Nederlands Omroepbedrijf*, minn hawn 'il quddiem imsejħin bħala NOB) hija wkoll parti mis-sistema ta' xandir pubbliku. L-NOB twettaq ir-reġistrazzjoni, il-preparazzjoni tat-trasmissjoni u t-trasmissjoni proprja tal-ħoss, stampi li jiċċaqalqu u *data* għal stazzjonijiet ta' distribuzzjoni kollha possibbli. L-NOB tipprovdi dawn is-servizzi għal xandara kummerċjali u għal xandara tas-servizz pubbliku. Is-servizzi pprovduti għax-xandara tas-servizz pubbliku huma kkunsidrati bħala servizzi pubbliċi mill-Gvern Olandiż u huma ffinanzjati b'mod pubbliku ([11]).

(17) Fondazzjoni separata (*Stichting Ether Reclame*, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala STER) hija responsabbli esklussivament għall-bejgħ ta' spazju ta' reklamar u għax-xandir ta' reklamar fuq l-istazzjonijiet pubbliċi. Is-STER hija responsabbli għall-ħin ta' reklamar li hija ġiet allokata. Id-dħul iġġenerat mis-STER huwa ttrasferit direttament lill-Istat.

(18) Barra x-xandara tas-servizz pubbliku li joperaw nazzjonalment, hemm diversi xandara kummerċjali li joperaw fuq livell nazzjonali. Dawk ix-xandara kummerċjali huma eż. RTL 4, 5 u 7 (kollha mill-grupp CLT-UFA) jew SBS6, NET5 u Veronica (mill-grupp SBS Broadcasting) jew Talpa (Talpa Media Holding). Huma jiġġeneraw id-dħul tagħhom prinċipalment mir-reklamar tat-TV.

([9]) L-assoċjazzjonijiet b'membri huma: KRO, AVRO, NCRV, EO, TROS, BNN, VARA u VPRO. L-organizzazzjonijiet privati awtonomi huma: NPS, Teleac/NOT, RVU, VKZ, RKK, HOS, NMO, OHM, NIK, BOS.

([10]) Dan ikopri "Nederland 1, 2 and 3".

([11]) Ara l-Artikolu 90 ta' l-Att dwar il-Mezzi tax-Xandir.

2.2. Qafas li jamministra x-xandir tas-servizz pubbliku

(19) It-taqsima tax-xandir hija attwalment regolata mill-Att dwar il-mezzi tax-xandir (MA) tal-21 ta' April 1987 u mid-Digriet dwar il-mezzi tax-xandir (MD). Ix-xandara pubbliċi huma permessi bil-liġi jwettqu erba' kategoriji ta' attivitajiet li huma definiti fl-MA attwali bħala "kompitu prinċipali", "kompiti sekondarji", "attivitajiet sekondarji" u "attivitajiet ta' assoċjazzjoni". Ix-xandara pubbliċi huma eliġibbli għall-finanzjament ta' l-Istat għall-"kompitu prinċipali" u "kompiti sekondarji".

2.2.1. *Definizzjonijiet legali*

Kompiti prinċipali

(20) L-Artikolu 13(c)(1) MA jiddeskrivi l-"kompitu prinċipali" tax-xandir tas-servizz pubbliku bħala:

a) li jiżgura offerta pluralistika u ta' kwalità għolja ta' programmi għal xandir ġenerali fl-oqsma ta' informazzjoni, kultura, edukazzjoni u divertiment fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali u t-trasmissjoni tagħhom jew li jiġu trasmessi fi stazzjonijiet miftuħin;

b) li jitwettqu l-attivitajiet kollha relatati ma' l-offerta ta' programmi u t-trasmissjoni meħtieġa f'dak ir-rigward;

ċ) li jiġu mxandra programmi destinati għal pajjiżi u oqsma barra l-Olanda u għal ċittadini Olandiżi li joqogħdu barra mill-pajjiż."

(21) L-Artikolu 13(c)(2) MA jinkludi l-ħtiġiet ġenerali li għandhom jintlaħqu mill-programmi mxandrin mix-xandara tas-servizz pubbliku. Il-programmi għandhom *"jagħtu stampa tas-soċjetà b'mod bilanċjat u ta' interessi u fehmiet dwar is-soċjetà, il-kultura u l-filosofija fi ħdan il-popolazzjoni:*

a. *il-programmi għandhom ikunu aċċessibbli għall-popolazzjoni kollha fl-oqsma rilevanti;*

b. *huma għandhom jikkontribwixxu għall-pluraliżmu u d-diversità kulturali fl-Olanda (…)".*

(22) Barra dan, il-ħin totali ta' programmar li għandu jiġi allokat għal kategoriji differenti, bħall-kultura, l-edukazzjoni, u d-divertiment, huwa regolat permezz ta' perċentwali preskritti ([12]).

(23) L-Artikolu 16 MA jipprovdi li ċerti kompiti għandhom jitwettqu min-NOS RTV u jistabbilixxu d-dettalji ta' dawn il-kompiti. Il-programmi li jkopru avvenimenti sportivi, inkluż, iżda mhux biss, kompetizzjonijiet u partiti għattazzi u avvenimenti internazzjonali huma koperti. Il-perċentwal ta' ħin totali ta' xandir li għandu jiġi ddedikat għal dawn l-avvenimenti sportivi mhuxiew stabbilit minn qabel mill-istatut. Fil-prattika NOS RTV jimmira li jiddedika 9-11 % tal-ħin totali ta' xandir għal programmi sportivi ([13]).

([12]) Ara l-Artikoli 50 u 54 MA.

([13]) Ara l-Pjan ta' Politika 2000-2010 tan-NOS.

(24) L-assoċjazzjonijiet tax-xandir huma intitolati għal ħin ta' xandir ta' programmi nazzjonali tat-TV u għandhom id-dritt li jirċievu finanzjament ta' l-Istat għall-prestazzjoni ta' dan il-kompitu (l-Artikolu 31(4) MA).

Kompiti sekondarji

(25) Skond l-Artikolu 13c(3) MA, li ġie introdott fl-2000, is-sistema ta' xandir pubbliku *"tista' wkoll tissodisfa l-kompitu tagħha, kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, billi tipprovdi mezzi ta' provvista u distribuzzjoni ta' materjali tal-programm, barra dawk inklużi fi ħdan il-paragrafu (1)(a)"*. Fi kliem ieħor, ix-xandara tas-servizz pubbliku jistgħu jxandru l-kontenut tas-servizz pubbliku, li qabel issemma' taħt il-kompitu prinċipali, fuq pjattaformi oħrajn tal-mezzi tax-xandir (bħal eż. Internet).

(26) 'Il hekk magħrufa "kompiti sekondarji" għandhom ikunu konformi ma' numru ta' kondizzjonijiet. Huma m'għandhomx per ezempju jservu biex jagħmlu profitt għal partijiet terzi (l-Art. 55 MA). Iż-żamma ta' websajt jew stazzjon b'tema huma eżempji ta' dawn il-kompiti sekondarji.

(27) Għandu jissemma' wkoll li l-isfruttar ta' kemm il-kompitu "prinċipali" kif ukoll dak "sekondarju" jiġġeneraw dħul biex ix-xandara tas-servizz pubbliku jintużaw għall-iskopijiet tas-servizz pubbliku ([14]).

Attivitajiet sekondarji u ta' assoċjazzjoni

(28) Ix-xandara tas-servizz pubbliku Olandiż jistgħu jwettqu wkoll attivitajiet li huma definiti bħala attivitajiet sekondarji u attivitajiet ta' assoċjazzjoni. Attivitajiet sekondarji ([15]) għandhom ikunu konformi ma' numru ta' kondizzjonijiet statutorji. Eżempji ta' tali attivitajiet sekondarji jinkludu l-bejgħ ta' gwidi tal-programm, l-isponsorizzazzjoni, il-bejgħ tad-drittijiet tal-programmi u materjali relatat mal-programmi, il-kiri ta' spazju ta' uffiċċji u l-organizzazzjoni ta' wirjiet *drive-in*.

(29) Attivitajiet oħrajn huma 'l hekk imsejħa "attivitajiet ta' assoċjazzjoni". Attivitajiet ta' assoċjazzjoni huma attivitajiet imwettqin mill-assoċjazzjonijiet tax-xandir għall-membri tagħhom. Dawn jinkludu publikazzjoni ta' rivisti, u l-organizzazzjoni u l-bejgħ ta' arranġamenti ta' l-ivvjaġġar.

2.2.2. ***Kontroll u supervizjoni***

(30) L-Awtorità tal-mezzi tax-xandir indipendenti (*Commissariaat voor de Media*) hija mogħtija l-kompitu li tiżgura konformità mal-ħtiġiet ta' programmar u finanzjament ta' l-MA u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 9 MA).

(31) L-Awtorità tal-mezzi tax-xandir għandha kompitu legali, stabbilit fl-Artikolu 134 MA, biex tiżgura li x-xandara pubbliċi jwettqu l-obbligi tagħhom, inkluża l-kwota stabbilita fuq id-diversi tipi ta' programmi. Il-Kummissjoni tal-mezzi tax-xandir tista' timponi multi jekk l-obbligi ma jiġux rispettati. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-mezzi tax-xandir tikkontrolla jekk ir-restrizzjonijiet legali dwar l-isponsorizzazzjoni u r-reklamar humiex rispettati mix-xandara.

(32) L-awtorità tikkontrolla annwalment jekk il-kontabilità tax-xandara pubbliċi, abbażi tar-rapporti tal-kontabilità ppreżentati, humiex konformi mal-ħtiġiet ta' l-MA, id-Digriet dwar il-mezzi tax-xandir u l-manwal finanzjarju. Jekk dan huwa l-każ, l-awtorità tifformalizza l-ammonti (ibbaġitjati) għall-provvista regolari ta' programmar (l-Artikolu 100 u 101 MA).

2.3. Sorsi ta' finanzjament tax-xandara tas-servizz pubbliku

(33) Ir-riżorsi finanzjarji prinċipali tal-PSB huma l-ħlasijiet annwali riċevuti mill-Istat. Sabiex jiġi assorbiti varjazzjonijiet fl-estimi, il-PSB huma permessi jżommu ċerti riżervi. Barra dan, il-PSB mill-1994 irċevew ħlasijiet *ad hoc*.

(34) Peress li l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-finanzjament *ad hoc* ma jistgħu jitwettqu mingħajr ma jiġu kkunsidrati sorsi oħrajn ta' finanzjament pubbliku, id-deskrizzjoni li ġejja tkopri kemm il-ħlasijiet annwali kif ukoll il-ħlasijiet *ad hoc* (anki jekk il-ħlasijiet annwali u l-ħlasijiet Stifo mhumiex soġġetti għad-deċiżjoni attwali iżda ser jiġu vvalutati separatament fil-kuntest ta' l-investigazzjoni pendenti dwar "għajnuna eżistenti" Nru E-5/2005).

2.3.1. ***Ħlasijiet annwali***

(35) Ix-xandara pubbliċi Olandiżi jirċievu kull sena kontributi finanzjarji mill-baġit ta' l-Istat għall-mezzi tax-xandir. Matul il-perjodu 1994-2005, dawn il-ħlasijiet ammontaw għal madwar € 7,1 biljun. Minn dan l-ammont, madwar € 819,6 miljun tħallsu lil xandara individwali. Il-baġit tal-mezzi tax-xandir huwa msaħħaħ b'diversi riżorsi: il-Kontribut tax-Xandir ta' l-Istat (miġburin minn dawk li jħallsu t-taxxi), id-dħul tar-reklamar mis-STER u d-dħul ta' interessi mill-Fond ta' Xandir Ġenerali (*Algemene Omroepreserve*, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-AOR) ([16]). Il-livell tal-baġit tal-mezzi tax-xandir jistabbilixxi l-ammont massimu ta' finanzjament annwali li jista' jsir disponibbli għax-xandara pubbliċi (u organizzazzjonijiet tal-mezzi tax-xandir oħrajn).

2.3.2. ***Stifo***

(36) Barra l-ħlasijiet annwali, ix-xandara pubbliċi rċevew ħlasijiet minn Stifo (Fond ta' Stimolu għall-produzzjonijiet kultu-

([14]) Sponsorizzazzjoni, iżda wkoll dħul minn bejgħ ta' biljetti, abbonamenti, servizz ta' l-SMS eċċ. (Ara l-Manwal Finanzjarju, il-verżjoni 2005, p. 18)

([15]) Introdott fl-Att dwar il-Mezzi tax-Xandir u l-Att tal-5 ta' Lulju 1997.

([16]) L-AOR hija riżerva li hija magħżula għal xandir pubbliku u li hija ġestita mill-Awtorità dwar il-mezzi tax-xandir. L-AOR sservi biex tkopri diskrepanzi kkaġunati minn dħul aktar baxx ta' reklamar matul is-sena ta' baġit. Din isservi wkoll biex tkopri fil-każ ta' likwidazzjoni ta' xandar pubbliku li ma jkollux riżervi tiegħu u sservi bħala kont attwali bejn il-Ministru u l-Awtorità tal-mezzi tax-xandir. Finalment, l-AOR tkopri in ġenerali l-ispejjeż żejda li jkun hemm jekk jiżdiedu l-prezzijiet. Il-pagamenti annwali jieħdu kont taż-żieda fil-prezz sentejn wara ż-żieda. L-AOR hija salvagwardja għal dak il-perjodu.

rali). Il-fondi mogħtija minn iStifo jikkwalifikaw bħala miżura ta' l-għajnuna ta' l-Istat, iżda l-miżura ġiet approvata mill-Kummissjoni taħt l-għajnuna ta' l-Istat Nru. NN 32/91. Il-miżura ta' għajnuna Stifo għandha għalhekk tiġi kkunsidrata bħala għajnuna attwali ta' l-istat. Il-ħlasijiet Stifo għax-xandara individwali tas-servizz pubbliku (il-PO ma rċieva ebda ħlasijiet minn Stifo) ammontaw għal € 155 miljun fil-perjodu.

2.3.3. ***Ħlasijiet* ad hoc**

(37) Barra mit-trasferimenti msemmijin hawn fuq – li huma kkunsidrati bħala s-sorsi regolari ta' finanzjament tal-PSBs, ix-xandara pubbliċi ngħataw diversi ħlasijiet fuq bażi *ad hoc*. Dawn il-ħlasijiet saru jew direttament lix-xandara jew tqassmu permezz ta' fondi u riżervi speċjali.

2.3.3.1. *Ħlasijiet minn Fondi ta' Tqabbil*

(38) Il-Fondi ta' Tqabbil huma parti assenjata mill-baġit tal-mezzi tax-xandir. Fil-perjodu 1996-1998, ammont ta' € (*) miljun ġie ttrasferit mill-Fondi ta' Taqbbil lil NOS RTV. Il-Fondi ta' Tqabbil ġew introdotti fl-1996 biex jikkofinanzjaw il-prezzijiet miżjuda għad-drittijiet tal-programm. Il-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jitqassmu l-flus ġew adottati bi ftehim konġunt bejn l-Istat u x-xandara pubbliċi. Jekk ix-xandara pubbliċi ma jkunux jistgħu jixtru d-drittijiet, li żdiedu b'mod eċċessiv fil-prezz, mill-baġits regolari tagħhom, l-Istat jiffinanzja l-kumplament huwa, jiġifieri jiffinanzja b'mod konġunt u b'ammont ugwali l-akkwist ta' dawn id-drittijiet.

2.3.3.2. *Ħlasijiet FOR*

(39) Fl-1998 l-Ministru tal-Kultura ngħata l-possibilità (l-Artikolu 106a MA) li jittrasferixxi l-flus fuq bażi *ad hoc* mill-AOR (Riżerva ta' Xandir Ġenerali u ġestita mill-Awtorità dwar il-mezzi tax-xandir) għal fond intiż biex jiffinanzja inizjattivi speċifiċi tal-PO. Il-fond kien stabbilit fl-1999 bid-denominazzjoni ta' "FOR" u huwa kkontrollat mill-PO.

(40) Il-prinċipju huwa li, jekk l-AOR teċċedi € 90,8 miljun, jista' jsir trasferiment lill-FOR. Dan, madankollu, mhux proċess awtomatiku. Kull sena l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, il-Kultura u x-Xjenza jiddeċiedi jekk trasferiment hux possibbli u jekk iva, kemm jista' jiġi ttrasferit. Meta dan it-trasferiment jiġi approvat, ir-regoli jiġu stabbiliti fi protokoll. Dawn il-protokolli ġew stabbiliti fl-1999 u l-2001. Fuq il-bażi ta' l-Att dwar il-mezzi tax-xandir (l-Artikolu 99 2(d)), il-baġit jista' jinkludi wkoll deskrizzjoni dwar kif il-Bord ta' Ġestjoni jipproponi li jonfoq il-flus. Fuq il-bażi ta' din il-proposta, il-Ministru jista' mbagħad jagħmel il-flejjes disponibbli ([17]). Għalkemm l-FOR huwa Fond dedikat għall-inizjattivi tal-PO, mhuwiex riżerva li hija parti mill-assi tal-PO.

(41) Il-flejjes disponibbli fl-FOR jagħmluha possibbli għall-PO biex jagħtu impetu kwalitattiv, itejbu l-programmar u jinvestu fix-xandara pubbliċi in ġenerali. Aktar speċifikament, l-għan ta' l-FOR huwa li :

— jagħmel tajjeb għal nuqqas fid-dħul ta' reklamar ta' STER

— isaħħaħ il-varjetà u l-kwalità ta' l-programmar meta dan jinvolvi spejjeż inizjali żejda; u

— jiffinanzja investimenti li jappoġġaw ix-xandir tas-servizz pubbliku Olandiż in ġenerali.

(42) Sa l-2005 s-sistema tax-xandir pubbliku rċeviet € 191,2 miljun mill-FOR li minnhom € 157,4 miljun ġew ittrasferiti lix-xandara tas-servizz pubbliku individwali u € 33,8 miljun lill-PO.

2.3.3.3. *Ħlasijiet CoBo*

(43) Il-fond għal Ko-Produzzjoni (*Coproductiefonds Binnenlandse Omroep*: minn hawn 'il quddiem CoBo) kien maħluq biex jiffinanzja koproduzzjonijiet bejn ix-xandara pubbliċi Olandiżi u produtturi ta' programmi oħrajn. Id-dħul tiegħu jirriżulta minn dħul iġġenerat minn ħlasijiet tad-drittijiet ta' l-awtur imħallsin mill-operaturi tal-kejbil Belġjani u Ġermaniżi għad-distribuzzjoni ta' tliet stazzjonijiet Olandiżi fil-Belġju u fil-Ġermanja. Il-fond ġie stabbilit mix-xandara pubbliċi u huwa ġestit permezz ta' fondazzjoni. Il-bord tal-Fond jikkonsisti minn amministraturi mix-xandara pubbliċi.

(44) Fl-1994, l-Awtoritajiet Olandiżi ddeċidew li jagħmlu ħlasijiet lil żewġ sotto-fondi ġestiti minn CoBo, li huwa l-"Fond tal-Films" li jiffinanzja koproduzzjonijiet ta' films u dokumentarji, u l-*proġett* "Telefilm" li jimmira li jistimola l-produzzjoni ta' programmi ta' films tat-televiżjoni ta' kwalità għolja.

(45) Ix-xandara tas-servizz pubbliku individwali rċevew € 31,7 miljun ta' flus pubbliċi mill-fond CoBo fil-perjodu 1994 sa 2005. Il-PO ma rċeviet ebda ħlasijiet mill-CoBo.

2.4. **Ir-riżervi miżmuma mix-xandara individwali**

(46) Kull xandar tas-servizz pubbliku jżomm ċerti riżervi, li huma, tipikament, Riżerva ta' Programm u jew Assoċjazzjoni jew Riżerva ta' Fondazzjoni, skond jekk ix-xandar tas-servizz pubbliku huwiex fondazzjoni jew assoċjazzjoni.

(*) Kopert bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

([17]) Ittra ta' l-24 ta' Frar 2006, p. 3-4.

2.4.1. ***Riżervi ta' programm***

(47) Xandara individwali tas-servizz pubbliku huma permessi jżidu r-riżervi tagħhom meta d-dħul totali jeċċedi l-ispejjeż totali. Dawn ir-riżervi tal-programm jistgħu jintużaw biex ikopru l-ispejjeż tal-programm fis-snin futuri.

(48) Skond l-awtoritajiet Olandiżi, il-valur tal-programmi li ġew prodotti iżda li għadhom mhux imxandrin huwa miżjud mar-riżervi tal-programm ([18]). Ir-riżervi tal-programm għalhekk jirriflettu wkoll il-valur tal-programmi li diġà ġew prodotti. Fl-2005, ir-Riżervi totali tal-Programm li ġew miżmuma mix-xandara pubbliċi individwali ammontaw għal € 78,6 miljun.

(49) Ukoll fl-2005, il-PO iddeċidiet li parti mir-Riżervi tal-Programm għandhom jiġu ttrasferiti lill-PO inniffisha, iżda x-xandara ġew permessi jżommu riżervi sa 5-10 % tal-baġit annwali tagħhom. Ix-xandara pubbliċi ttrasferew lill-PO ammont ta' € 42,457 miljun.

2.4.2. ***Riżervi ta' assoċjazzjoni***

(50) L-assoċjazzjonijiet tax-xandir tas-servizz pubbliku oriġinaw bħala entitajiet legali privati. Matul is-snin huma bnew ir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni tagħhom stess minn kontributi u donazzjonijiet li rċevew mill-membri tagħhom. Ir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni għalhekk oriġinaw minn riżorsi privati. Fl-1993, il-gvern Olandiż iddeċieda li "jiffriża" r-Riżervi ta' Assoċjazzjoni. Minn dak il-mument, fil-prinċipju ([19]) l-profitti ġġenerati mill-attivitajiet ta' assoċjazzjoni u attivitajiet oħrajn mhux pubbliċi kellhom jintużaw għal attivitajiet tas-servizz pubbliku u ma setgħux jiġi aktar ittrasferiti lir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni. Ix-xandara tas-servizz pubbliku fl-Olanda kellhom Riżerva ta' Assoċjazzjoni totali ta' madwar € 131,1 miljun fl-2005.

2.4.3. ***Ir-riżerva tal-Fondazzjoni NOS RTV u xandara iżgħar***

(51) In-NOS RTV, NPS u xandara oħrajn iżgħar mingħajr membri (l-Artikolu 39f MA) iżommu "riżerva ta' fondazzjoni" (*"stichtingsreserve"*). Il-livell globali tar-riżervi ta' fondazzjoni kien € 42,2 miljun fl-2005 ([20]).

2.5. **L-attività ta' reklamar dwar l-istazzjonijiet tas-servizz pubbliku**

(52) Kif diġà msemmi hawn fuq, is-STER huwa responsabbli għall-bejgħ ta' reklamar fuq l-istazzjonijiet tas-servizz pubbliku.

(53) Il-kumpaniji l-oħrajn tal-bejgħ ta' reklamar fuq it-TV attivi fis-suq Olandiż huma IP u SBS. IP tbigħ reklamar f'isem ix-xandara RTL4, RTL5 u Yorin. SBS tbigħ reklamar għax-xandara kummerċjali tagħha SBS6, Net 5 u Veronica. Barra IP u SBS, hemm xi xandara kummerċjali oħrajn li wkoll ibigħu r-reklamar ([21]). It-tariffi ta' STER huma kkalkolati abbażi ta' previżjonijiet mill-aġenziji ta' reklamar, tariffi ta' kompetituri, u abbażi ta' l-istorja tal-prezzijiet.

(54) It-Tabella I hawn taħt turi l-evoluzzjoni tal-parti tas-semmiegħa tax-xandara tas-servizz pubbliku li għaliha is-STER tiġġestixxi l-bejgħ tar-reklamar. Il-parti ta' l-udjenza (telespettaturi fl-età ta' 13+) niżel fis-snin riċenti minn 38,8 fl-1997 għal 35,4 % fl-2005. Għall-kategorija 20-49 snin, is-sehem ta' telespettaturi huwa saħansitra inqas, jiġifieri 27,2 %.

Tabella 1

Sehem ta' l-udjenza 13+ u 20-49 snin (18.00h – 24.00h) 1997 – 2005

	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
13+	38,8	39,9	37,8	39,8	38,8	37,9	36,8	38,9	35,4
20-49	34,6	35,8	31,6	33,3	33,0	32,5	30,1	31,8	27,2

Sors: Ittra ta' l-Awtoritajiet Olandiżi l- 24 ta' Frar 2006.

([18]) Ittra tas-27 ta' Jannar, konverżazzjoni bit-telefon tat-3 ta' Frar 2005 u tweġiba għal talba addizzjonali fil-15 ta' Lulju 2005.

([19]) Kien hemm xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola. Xi trasferimenti għar-riżervi ta' l-Assoċjazzjoni saru f'każijiet fejn qabel ir-riżervi ta' l-Assoċjazzjoni ntużaw għall-finanzjament ta' l-attivitajiet tas-servizz pubbliku. Ara wkoll il-paragrafu 142 u li ġej.

([20]) Ir-riżervi tal-Fondazzjoni huma € 2,288 miljun (NPS), € 0,832 miljun (NOS) u € 39,119 miljun (PO).

([21]) Bħal per eżempju Talpa, Nickelodeon, Jetix, TMF u MTV.

(55) Fir-rigward ta' l-1994, id-dħul gross (ibbażat fuq prezzijiet tal-lista) u nett (b'kont meħud ta' l-iskonti mogħtija) ġġenerati mix-xandara kummerċjali fis-suq tar-reklamar kien aktar mid-dħul iġġenerat mix-xandara pubbliċi.

Tabella 2

Dħul gross mir-reklamar tat-TV 1994 – 2005 (ammonti x € 1 miljun)

	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
Ster	327	298	225	234	257	290	348	343	383	489	581	471
Xandara kummerċjali	360	438	532	629	715	887	1 028	1 084	1 310	1 623	2 034	2 327
Total	687	736	757	863	972	1 177	1 376	1 426	1 693	2 112	2 615	2 798

Sors: Ittra ta' l-Awtoritajiet Olandiżi l- 24 ta' Frar 2006.

Tabella 3

Dħul net minn reklamar tat-TV 1994 – 2005 (ammonti x € 1 miljun)

	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
Ster	223	202	153	150	176	187	218	197	197	197	197	169
Xandara Kummerċjali	239	281	324	378	405	448	508	484	520	537	549	599
Total	462	483	477	528	581	635	726	683	717	733	746	768

Sors: Ittra ta' l-Awtoritajiet Olandiżi l- 24 ta' Frar 2006.

(56) Kif jirriżulta mit-tabelli ta' hawn fuq, hemm differenza bejn id-dħul gross mir-reklamar tat-TV u dħul net ta' skonti. Skond l-awtoritajiet Olandiżi, mhux it-tariffi ppubblikati biss tax-xandara tas-servizz pubbliku huma ogħla, iżda wkoll l-iskonti li huma jagħtu huma iżgħar meta mqabblin ma' xandara kummerċjali ([22]).

2.6. Xiri ta' drittijiet tal-futbol min-NOS RTV

(57) Matul il-perjodu taħt investigazzjoni n-NOS RTV kiseb drittijiet ta' xandir għal diversi avvenimenti importanti tal-futbol ([23]). Ix-xandar kummerċjali Canal+ (televiżjoni bi ħlas) akkwista d-drittijiet għal-logħbiet diretti tal-*premier league* Olandiż. Id-Drittijiet taċ-*Champions League* ukoll ġew parzjalment sottoliċenzjati lil Canal+ minn NOS RTV. Ix-xandar kummerċjali SBS kiseb id-drittijiet għal-logħbiet ta' l-ewwel diviżjoni Olandiża u l-logħbiet ta' kwalifikazzjoni tat-tim Olandiż għall-kampjonat Ewropew 2004. Id-drittijiet ta' l-awtur għal diversi kompetizzjonijiet tal-futbol barranin jinżammu minn CLT-UFA, l-akbar grupp ta' xandir Ewropew (il-kumpanija prinċipali ta' eż. RTL).

([22]) Ara Ittra tat-23 ta' Frar.

([23]) Dawn jinkludu *inter alia*, l-aħħar fażi tat-tazza tad-dinja tal-futbol ta' l-2002, iċ-*Champions League* 2002/2003, is-sommarju/drittijiet tal-punti prinċipali għall-*Premier League* Olandiż 2003/2004, il-kampjonat Ewropew 2004, il-parti l-kbira tal-partiti tat-tazzi Ewropej li jinvolvu l-klabbs Olandiżi, u t-tazza tad-dinja tal-futbol 2006. Xi whud minn dawn l-avvenimenti huma parti mil-lista ta' l-avvenimenti fid-Digriet tal-Mezzi tax-Xandir, skond id-Direttiva 97/36 (ĠU L 307 tat-30.7.1997, p. 60).

2.7. Relazzjoni bejn ix-xandara u l-operaturi tal-kejbil

(58) It-trasmissjoni tal-kejbil tradizzjonali titqies bħala pubblikazzjoni separata għall-finijiet tad-drittijiet ta' l-awtur taħt il-liġi Olandiża. Fil-prinċipju huwa meħtieġ il-permess tad-detenturi kollha tad-drittijiet ta' l-awtur, u d-detentur tad-dritt ta' l-awtur jista' jitlob il-pagament mill-operatur tal-kejbil għall-pubblikazzjoni. Mill-1985 kien hemm ftehim bejn il-VECAI (li jirrapreżentaw l-operaturi tal-kejbil) u n-NOS RTV (li jirrapreżentaw ix-xandara pubbliċi) li taħtu l-operaturi tal-kejbil huma eżenti milli jagħmlu ħlasijiet ta' dritt ta' l-awtur lix-xandara pubbliċi (id-detenturi tad-drittijiet ta' l-awtur) meta l-programmi tagħhom jiġu trasmessi bil-kejbil ([24]). Dan il-ftehim sar fuq talba tal-gvern Olandiż, fuq il-bażi li ċ-ċittadini diġà ħallsu kontribut għax-xandir pubbliku. Kien ikkunsidrat li pagament ta' dritt ta' l-awtur mill-operaturi tal-kejbil, li jista' jirriżulta fi ħlasijiet

([24]) Ittra ta' l-Awtoritajiet Olandiżi, datata 18 ta' Settembru 2002.

oghla ta' abbonament tal-kejbil, ma jkunx mixtieq. Madankollu, dan mhux relatat mal-ftehim imsemmi qabel max-xandara tas-servizz pubbliku.

(59) Għandu jiġi nnotat li l-operaturi tal-kejbil huma legalment obbligati biex jittrasmettu l-programmi tar-radju u tat-televiżjoni kollha tax-xandara pubbliċi (obbligu ta' *"must carry"*) u ma jistgħux jitolbu ħlas mix-xandara għall-ispejjeż ta' trasmissjoni.

2.8. **Il-miżuri soġġetti għal din id-deċiżjoni**

(60) Kif stabbilit fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ([25]), il-miżuri li ġejjin huma s-suġġett tad-deċiżjoni preżenti :

1. Il-ħlasijiet kif imsemmijin fl-Artikolu 106a u 170c ta' l-Att dwar il-mezzi tax-xandir għal xandara li huma kategorizzati mill-Kummissjoni bħala ħlasijiet *ad hoc*:

   a) Il-ħlasijiet isiru jew mill-Fondi ta' Tqabbil għax-xandara tas-servizz pubbliku jew mill-AOR, permezz ta' l-FO, għal xandara pubbliċi. Dawn il-ħlasijiet saru fil-perjodu 1994-2005, għal ammont totali ta' € 239,6 miljun. Kif imsemmi hawn fuq, dan l-ammont jista' jiġi diviż bejn il-ħlasijiet li saru mill-hekk imsejħa Fondi ta' Tqabbil (€ 48,4 miljun) u l-ħlasijiet li saru mill-AOR għall-FOR u sussegwentement għall-FOR għax-xandara pubbliċi (€ 191,2 miljun).

   b) Ħlasijiet mill-Fond ta' Koproduzzjoni (CoBo). Il-CoBo tikkonsisti f' żewġ sotto-fondi speċifiċi, il-*Film Fund* u t-*Telefilm project*. L-Istat ta € 31,7 miljun lix-xandara pubbliċi fil-perjodu 1994-2005 permezz tal-fondi CoBo.

2. Jiżguraw aċċess għall-kejbil jew l-hekk imsejjaħ *"must-carry"* (kif imsemmi fl-Artikolu 82i ta' l-Att dwar il-mezzi tax-xandir).

3. Dispożizzjoni ta' faċilitajiet tekniċi mill-NOB mingħajr ħlas (kif imsemmi fl-Artikolu 89 u 90 ta' l-Att dwar il-mezzi tax-xandir).

II. RAĠUNIJIET BIEX TINBEDA L-PROĊEDURA U L-ARGUMENTI TAL-PARTIJIET

3. **SOMMARJU DWAR IR-RAĠUNIJIET BIEX TINBEDA L-PROĊEDURA**

(61) Wara l-investigazzjoni inizjali tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat li ċerti miżuri, bl-eċċezzjoni possibbli ta' l-obbligu *"must carry"*, jikkostitwixxi għajnuna ta' l-istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Il-Kummissjoni esprimiet barra minn hekk dubji fir-rigward tal-kumpatibilità ta' tali għajnuna ta' l-Istat taħt l-Artikolu 86(2) tat-Trattat ta' l-KE.

([25]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2/2004, (ex NN 170/2003) Finanzjament *Ad hoc* tax-xandara pubbliċi Olandiżi – L-Olanda C (2004) 166fin.

(62) Fir-rigward tal-propozjonalità tal-finanzjament, il-Kummissjoni kellha dubju jekk l-allokazzjoni ta' l-ispejjeż u d-dħul seħħewx abbażi ta' prinċipji ta' kontabilità ta' l-ispejjeż stabbiliti b'mod ċar. Il-Kummissjoni kellha dubju dwar jekk ġiex ikkunsidrat id-dħul mis-servizz mhux pubbliku meta ġiet ikkalkolata l-ħtieġa għal finanzjament ta' l-Istat, bir-riskju li l-finanzjament imur lil hinn mill-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku.

(63) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-livell ta' fondi fl-FOR u r-riżervi tal-programm ipprovdew indikazzjonijiet ta' kumpens żejjed strutturali. Il-Kummissjoni nnotat li mill-ħlasijiet *ad hoc* totali, ammont ta' € 110 miljun (ibbażat fuq statistiċi ta' l-2001) ma ntużax.

(64) Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet l-intenzjoni tagħha li tinvestiga jekk il-kompetizzjoni fi swieq kummerċjali ġietx imfixkla b'mod eċċessiv. Il-Kummissjoni enfasizzat li tali tfixkil ta' kompetizzjoni jista' jseħħ fi swieq għal reklamar, drittijiet ta' proprjetà intellettwali għal drittijiet ta' trasmissjoni ta' kejbil jew ta' trasmissjoni ta' futbol.

(65) Finalment, l-NOB mhix permessa iġġieħel lix-xandara pubbliċi jħallsu għall-provvista tas-servizzi, iżda hija tirċievi ħlasijiet għal dan il-kompitu direttament mill-Istat. Il-Kummissjoni nnotat li l-provvista ta' faċilitajiet tekniċi mingħajr ħlas jistgħu jikkostitwixxu għajnuna għax-xandara pubbliċi.

4. **KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

(66) Il-kummenti li ġejjin rilevanti għal din id-deċiżjoni ġew ipprovduti.

(67) Ix-xandara pubbliċi Olandiżi argumentaw li l-miżuri in kwistjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti, peress li dawn jikkostitwixxu parti mis-sistema ta' finanzjament ġenerali għax-xandir pubbliku. Barra minn hekk, huma rrimarkaw li l-Kummissjoni tista' tivvaluta biss il-finanzjament tax-xandir pubbliku taħt il-Protokoll ta' Amsterdam u m'għandhiex tapplika l-kriterji tas-sentenza *Altmark* ([26]) jew l-Artikolu 87(1) jew 86(2) tat-Trattat tal-KE.

(68) CLT-UFA osservat li l-kuntabilità tas-sistema ta' xandir tas-servizz pubbliku setgħet tiġi verifikata u approvata minn *accountant* indipendenti biss fl-2002.

(69) Ix-xandara pubbliċi kkummentaw li m'hemmx kumpens żejjed ta' € 110 miljun kif iddikjarat mill-Kummissjoni. L-ewwelnett, ix-xandara pubbliċi u l-gvern jaħdmu b'sistemi ta' kontabilità differenti. Il-gvern jaħdem abbażi ta' riċevuti ta' flus kontabbli fil-ħin tat-tranżazzjoni. Dan jikkaġuna diskrepanzi. Barra dan, id-dħul ta' l-FOR huma skond ix-xandara pubbliċi mmarkati għal għanijiet futuri speċifiċi. Barra minn hekk, huma kkummentaw li l-eċċess ta'

([26]) Każ C-280/00 *Altmark Trans*, [2003] Ġabra I-7747, paragrafu 95.

finanzjament ma jistax iwassal għal tfixkil fi swieq oħrajn, peress li dan il-finanzjament jista' jintuża biss għal attivitajiet tas-servizz pubbliku.

(70) ACT iddikjarat li STER jaġixxi b'mod mhux kompetittiv billi jqaċċat il-prezzijiet fis-suq tar-reklamar. Hija targumenta li peress li l-ħin totali ta' reklamar annwali tax-xandara pubbliċi huwa aktar limitat minn dak tax-xandara kummerċjali, l-iSTER għandu jżomm prezzijiet aktar għoljin mill-operaturi kummerċjali.

(71) SBS Broadcasting ikkonfermat li l-prezzijiet fis-suq ta' reklamar tat-televiżjoni Olandiża huma stabbiliti għall-kategorija GRP (Punt ta' Rata Gross) 20-49. Madankollu, meta xandara pubbliċi jattiraw aktar telespettaturi mix-xandara kummerċjali barra minn dan il-grupp ta' telespettaturi, min jirreklama ikun dispost iħallas *premium* fuq il-GRP 20-49. Għalhekk, tqabbil ta' GRP 20-49 ma jkunx jirrifletti r-realtà ekonomika tal-prodott. Barra minn hekk, SMS irrimarkat li għal GRP 13+ ix-xandara pubbliċi stabbilixxew rati iktar baxxi minn xandara kummerċjali. Biex tappoġġa l-kummenti tagħha SMS ppreżentat indikazzjonijiet tal-prezzijiet tal-gross medju 13+ għal stazzjonijiet differenti matul l-eqqel ħin fl-1995-2004 u għal kull xahar fl-2003 u l-2004, li juru li dawk tax-xandara pubbliċi huma aktar baxxi minn dawk tal-parti l-kbira ta' l-operaturi kummerċjali.

(72) Skond CLT-UFA in-NOS RTV ħallset prezzijiet eċċessivi għad-drittijiet tal-futbol. Il-prezzijiet kienu 'l fuq ħafna mill-prezzijiet tas-suq. CLT-UFA ppreżentat mudelli ta' kalkolu ([27]) biex turi kif huma jikkalkolaw il-prezzijiet għad-drittijiet tal-futbol, li abbażi ta' dan CLT-UFA kkonkludiet li l-offerta li saret minn NOS RTV għad-drittijiet tal-logħbiet taċ-*Champions League* ta' l-2002 kienet sostanzjalment ogħla minn dik li saret minn CLT-UFA. ACT u CLT-UFA kkunsidraw madankollu li l-Kummissjoni m'għandhiex tilħaq il-konklużjoni li m'hemmx bizzejjed provi ta' pagament żejjed tad-drittijiet tal-futbol abbażi ta' eżempju wieħed fejn l-operatur kummerċjali seta' ta offerta eċċessiva.

(73) VECAI (l-assoċjazzjoni ta' operaturi tal-kejbil) qajmet żewġ kwistjonijiet. Fl-ewwel lok, hija tikkunsidra li l-operaturi tal-kejbil li huma soġġetti għall-obbligu *must carry* għandhom ikunu jistgħu jitolbu pagament mix-xandara rilevanti. Minħabba l-obbligu *must carry*, ix-xandara pubbliċi ma ħallsux miżata għat-trasmissjoni tas-sinjal fuq in-netwerks tal-kejbil.

(74) Fit-tieni lok, VECAI argumentat li l-operaturi tal-kejbil fil-fatt iħallsu miżata lill-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dritt f'isem in-NOS RTV, iżda n-NOS-RTV u l-gvern Olandiż jikkunsidra din bħala ħlas ta' ġestjoni. Skond il-VECAI huwa ħlas għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali b'wiċċ ieħor.

([27]) Dan il-mudell ta' kalkolu jikkunsidra numru ta' fatturi fil-kalkolu ta' dħul potenzjali li jista' jinkiseb mid-drittijiet ta' trasmissjoni ta' l-isport: tkabbir mistenni ta' nfiq fis-suq kollu u l-aspettattivi fir-rigward tad-dħul potenzjali mir-reklamar wara laqgħat ma' min jirreklama; l-impatt tax-xandir ta' l-avveniment ta' l-isports dwar is-sehem tas-suq tax-xandara kummerċjali (konsiderazzjonijiet ta' pożizzjonament strateġiku); numru ta' klabbs Olandiżi (għal avvenimenti internazzjonali bħaċ-*Champions League*). Sommarju ta' tweġiba mill-awtoritajiet Olandiżi għad-deċiżjoni biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, datata 30 ta' April 2004.

5. KUMMENTI MILL-AWTORITAJIET OLANDIŻI ([28])

(75) L-awtoritajiet Olandiżi ddikjaraw li l-assunzjoni tal-Kummissjoni li l-miżuri rilevanti mhumiex parti mill-finanzjment regolari, annwali tax-xandara pubbliċi bħala parti mill-finanzjament ta' l-Istat hija żbajlata. Il-finanzjament li huwa s-suġġett ta' l-investigazzjoni joriġina mill-mekkaniżmu ta' finanzjament regolari u kien parti integrali ta' l-ippjanar tal-baġit li wasslet għall-ħlasijiet tax-xandara pubbliċi. Skond l-awtoritajiet, l-FOR, il-fondi ta' tqabbil, CoBo u ħlasijiet lill-NOB huma parti mill-mekkaniżmu ta' finanzjament annwali regolari.

(76) L-Awtoritajiet Olandiżi finalment iġibu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni li l-evalwazzjoni għandha tikkunsidra l-kuntest speċifiku li fih ix-xandara tas-servizz pubbliku joperaw. L-awtoritajiet talbu lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw l-applikazzjoni tal-Protokoll ta' Amsterdam. Jekk meħtieġ, is-suġġett tal-proċedura attwali għandu jkun ikkwalifikat bħala għajnuna kumpatibbli fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 86(2) tat-Trattat tal-KE bħal fil-kuntest tal-prinċipji stabbiliti fil-Protokoll ta' Amsterdam.

(77) L-ammont provviżorjament indikat mill-Kummissjoni bħala kumpens żejjed possibbli huwa żbaljat. Dan ittieħed mir-riżorsi ta' fondi li ġew kwalifikati b'mod żbaljat bħala riżervi. Peress li l-użu ta' dawn il-fondi huwa determinat minn qabel u huwa soġġett għal kontroll ma jistax ikun kumpens żejjed. Barra minn hekk, l-awtoritajiet argumentaw li fil-każ li l-miżuri kkonċernati għandhom jiġu kkwalifikati bħala għajnuna ta' l-Istat, l-għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala l-għajnuna ta' l-Istat eżistenti fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 88 tat-Trattat tal-KE.

(78) L-awtoritajiet Olandiżi jirrimarkaw li l-kontabilità ta' l-assoċjazzjonijiet ta' xandir pubbliku individwali kien minn dejjem soġġett għal approvazzjoni minn *accountant* indipendenti.

(79) L-awtoritajiet Olandiżi jikkunsidraw li xandir ta' sports popolari u inqas popolari jaqa' fi ħdan it-tifsira tal-kompitu prinċipali tax-xandara pubbliċi. L-awtoritajiet Olandiżi jikkunsidraw li, fid-determinazzjoni ta' l-offerta tagħhom għal drittijiet ta' trasmissjoni, ix-xandara pubbliċi ma ħallsux eċċess ta' dak meħtieġ biex jiżguraw l-akkwist tad-drittijiet importanti fir-rigward tal-kompitu ta' servizz pubbliku u l-programmar globali tagħhom

(80) L-awtoritajiet tennew li l-missjoni tas-servizz publiku ta' l-NOB hija parti integrali tas-sistema tas-servizz pubbliku. Il-fatt li x-xandara pubbliċi mhux qed ikollhom iħallsu għas-servizz mogħti mill-NOB ma jimplikax li l-għajnuna hija mogħtija lix-xandara tas-servizz pubbliku.

([28]) Sommarju ta' tweġiba mill-awtoritajiet Olandiżi għad-deċiżjoni biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, datata 30 ta' April 2004.

(81) L-awtoritajiet Olandiżi jiddikjaraw li peress li l-operaturi kummerċjali lanqas ma jitolbu ħlasijiet għad-drittijiet ta' l-awtur minn operaturi tal-kejbil, in-NOS RTV jista' jingħad li qed jaġixxi bħala operatur tas-suq normali fiċ-ċirkostanzi ta' dan is-suq partikolari.

III. EVALWAZZJONI TAL-MIŻURI TAĦT IR-REGOLI TA' GĦAJNUNA TA' L-ISTAT

6. EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA FI ĦDAN IT-TIFSIRA TA' L-ARTIKOLU 87(1) TAT-TRATTAT TAL-KE

(82) L-Artikolu 87(1) tat-Trattat jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li ġejjin għall-preżenza ta' l-għajnuna ta' l-istat. L-ewwel, għandu jkun hemm intervent mill-Istat jew permezz tar-riżorsi ta' l-Istat. It-tieni, din għandha tagħti vantaġġ lir-riċevitur. It-tielet, hija għandha tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni. Ir-raba', l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1. Preżenza ta' riżorsi ta' l-Istat

6.1.1. *Ħlasijiet* ad hoc

(83) Il-ħlasijiet kif imsemmijin fl-Artikolu 106a u 170ċ ta' l-Att dwar il-mezzi tax-xandir u li huma kateġorizzati mill-Kummissjoni bħala ħlasijiet *ad hoc* jistgħu jiġu diviżi fl-hekk imsejħa ħlasijiet ta' Fondi ta' Tqabbil, il-ħlasijiet FOR u l-ħlasijiet CoBo.

Ħlasijiet ta' fondi ta' tqabbil

(84) Fir-rigward ta' Fondi ta' Tqabbil, il-flus l-ewwel jitwarrbu fi ħdan l-AOR – li huwa fond li r-riżorsi tiegħu jappartjenu għall-Istat u huma ġestiti mill-Awtorità dwar il-mezzi tax-xandir – bil-għan li jiġu mqabbla ċerti tipi ta' nfiq ogħla milli mistenni tax-xandara tas-servizz pubbliku. Fit-tieni stadju, ir-riżorsi ta' l-istat irrapreżentati mill-Fondi ta' Tqabbil ta' l-AOR huma ttrasferiti min-NOS RTV.

Ħlasijiet FOR

(85) Il-ħlasijiet li jsiru mill-fond ta' l-FOR huma kkunsidrati bħala riżorsi ta' l-istat. Għalkemm l-FOR huwa fond amministrat u ġestit mill-"PO", huwa alimentat mill-AOR, li huwa parti mill-bagit tal-mezzi tax-xandir.

(86) Aktar importanti, kif deskritt fil-paragrafu 2.3.3.3, il-PO tiddistribwixxi l-flejjes abbażi tal-ftehim li jsiru minn qabel dwar l-użu tal-flejjes FOR. Għalkemm hija l-PO li tipproponi kif għandhom jintużaw il-flus, huwa l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xjenza u l-Kultura li "jadotta l-proposta" u jistabbilixxi għal liema raġunijiet għandhom jintużaw il-flejjes. Il-PO tista' tieħu biss id-deċiżjoni li tonfoq il-flus ladarba l-Ministru jistabbilixxi l-kriterji għad-distribuzzjoni tal-flejjes. Il-PO għandha tikkunsidra r-regoli stabbiliti mill-Ministru. Jista' għalhekk jiġi kkunsidrat li t-trasferiment tar-riżorsi ta' l-istat jitwettaq meta l-ħlasijiet isiru mill-FOR għal xandara individwali. Dan huwa trasferiment tar-riżorsi ta' l-istat, li huwa barra minn hekk imputabbli għall-Istat ([29]).

(87) Ix-xandara pubbliċi rċevew fil-perjodu taħt investigazzjoni ammont ta' € 191,2 miljun mill-FOR u ammont ta' € […] miljun mill-Fondi ta' Tqabbil.

Ħlasijiet CoBo

(88) Il-ħlasijiet li jsiru mill-fond CoBo huma kkunsidrati riżorsi ta' l-Istat. Kif deskritti fil-paragrafu 43, il-fond CoBo huwa alimentat b'kontributi diretti mill-Baġit tal-mezzi tax-xandir u mid-dħul iġġenerat mill-ħlasijiet tad-drittijiet ta' l-awtur imħallsin mill-operaturi tal-kejbil Belġjani u Ġermaniżi għad-distribuzzjoni tat-tliet stazzjonijiet Olandiżi fil-Belġju u l-Ġermanja. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li mhux biss il-kontributi diretti mill-Baġit tal-mezzi tax-xandir, iżda wkoll il-ħlasijiet għad-drittijiet ta' l-awtur jistgħu jiġu kkunsidrati bħala riżorsi ta' l-Istat. Fil-fatt, il-ħlasijiet tad-drittijiet ta' l-awtur ma kellhom qatt jintużaw biex jiffinanzjaw l-ispejjeż tas-servizz pubbliku tax-xandara. Billi jiġu mwarrba bil-fond CoBo, il-ħtiġiet għal finanzjament pubbliku għaldaqstant żdiedu. Il-ħlasijiet tad-drittijiet ta' l-awtur huma għalhekk ekwivalenti għal riżorsi maħruġa mill-Istat.

(89) Barra minn hekk, għalkemm il-fond CoBo jappartjeni u huwa ġestit minn fondazzjoni (li l-bord tagħha huwa amministrat mix-xandara tas-servizz pubbliku), it-trasferimenti mill-fond CoBo jista' jsir disponibbli lix-xandara tas-servizz pubbliku taħt il-kondizzjonijiet li huma determinati mill-Istat biss.

(90) Ix-xandara tas-servizz pubbliku rċevew mill-Fond CoBo ammont ta' € 31,7 miljun fil-perjodu taħt investigazzjoni. Dan l-ammont jirrapreżenta trasferiment tar-riżorsi ta' l-istat lix-xandara individwali.

6.1.2. *Aċċess b'xejn għall-kejbil*

(91) L-obbligu "*must carry*" impost fuq l-operaturi tal-kejbil ma jinvolvix kull trasferiment tar-riżorsi ta' l-istat u lanqas jista' d-dħul obbligatorju ta' l-operaturi tal-kejbil jiġi meqjus li jikkostitwixxi trasferiment tar-riżorsi ta' l-Istat ([30]). Il-Kummissjoni ma taf dwar ebda indikazzjoni kuntrarja. Skond dan, l-opinjoni preliminari li l-miżura mhix għajnuna ta' l-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE tista' tiġi kkonfermata.

6.1.3. *Faċilitajiet tekniċi b'xejn mill-NOB*

(92) Il-kumpannija pubblika NOB tirċievi ħlasijiet mill-Istat għas-servizzi li hija obbligata tagħti lix-xandara pubbliċi. Dawn il-ħlasijiet jinvolvu t-trasferiment dirett tar-riżorsi ta'

([29]) Ara l-Każ C-482/99, *Repubblika Franċiża v. Kummissjoni*, il-paragrafu 55.

([30]) Ara l-Każ C-379/98, *Preussen Elektra*, ĠABRA 2001, p. I-2099, paragrafu 54 u segwenti.

l-Istat. Huma fl-aħħar ta' benefiċċju għax-xandara pubbliċi li jġibu s-servizzi b'xejn ([31]). Fil-fatt, l-awtoritajiet Olandiżi nnifishom ddikjaraw li l-NOB sempliċiment taġixxi bħala "mezz" ta' finanzjament mill-Istat għax-xandara tas-servizz pubbliku li jirċievu s-servizz mill-NOB.

6.2. **Vantaġġ ekonomiku**

(93) Il-finanzjament *ad hoc* (ħlasijiet lill-FOR u permezz tal-Fondi ta' Tqabbil), it-trasferimenti lill-CoBo u l-provvista ta' faċilitajiet tekniċi b'xejn jipprovdu vantaġġ ekonomiku għax-xandara tas-servizz pubbliku Olandiż, fis-sens li dawn il-miżuri jneħħulhom l-ispejjeż operattivi li kieku kien ikollhom iħallsu.

6.2.1 ***Applikabilità tas-sentenza Altmark***

(94) Il-Gvern Olandiż u x-xandara pubbliċi argumentaw li l-miżuri taħt investigazzjoni jikkompensaw lix-xandara pubbliċi Olandiżi għall-ispiża netta li għandha titħallas biex jitneħħa l-kompitu ta' servizz ġenerali mogħti lilhom. Dan għandu jimplika li l-miżuri għalhekk ma jipprovdux vantaġġ għax-xandara tas-servizz pubbliku u ma jikkostitwixxux għajnuna skond is-sentenza *Altmark* ([32]).

(95) Miżuri ta' l-Istat li jikkompensaw għall-ispejjeż addizzjonali netti ta' SGEI ma jikkwalifikawx bħala għajnuna ta' l-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE jekk il-kumpens huwa determinat b'tali mod li ma jistax jittieħed vantaġġ reali mill-kompitu. Fis-sentenza *Altmark* il-Qorti tal-Ġustizzja indikat il-kondizzjonijiet li għandhom jiġi sodisfatti sabiex jaħarbu tali klassifikazzjoni. Dawn il-kondizzjonijiet huma:

— l-ewwel, l-impriża riċevitriċi hija fil-fatt meħtieġa li taqdi l-obbligi tas-servizz pubbliku u dawk l-obbligi jkunu ġew definiti b'mod ċar

— it-tieni, il-parametri li abbazi tagħhom huwa kkalkolat il-kumpens ġie stabbilit minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti

— it-tielet, il-kumpens ma jeċċedix dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż kollha jew parti li jridu jitħallsu biex jitneħħew l-obbligi tas-servizz pubbliku, wara li jiġu kkunsidrati r-riċevuti rilevanti u profitt raġonevoli biex jitneħħew dawk l-obbligi.

— ir-raba', meta l-impriża li għandha twettaq l-obbligi tas-servizz pubbliku ma tkunx intgħażlet permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, il-livell ta' kumpens meħtieġ jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi ta' l-ispejjeż li impriża tipika, immexxija tajjeb u pprovduta b'mod adegwat b'mezzi ta' produzzjoni sabiex tkun tista' tilħaq il-ħtiġiet tas-servizz pubbliku meħtieġa, tkun ħallset biex jitneħħew dawk l-obbligi, wara li jiġu kkunsidrati r-riċevuti rilevanti u profitt raġonevoli biex jitneħħew l-obbligi

([31]) Ara l-Każ C-126/01, *GEMO*, ĠABRA 2003, p. I- 13769, paragrafu 44.

([32]) Ara l-Każ C-280/00, *Altmark Trans*, ĠABRA 2003, p. I-7747, paragrafu 44.

(96) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li fil-każ preżenti l-aħħar tliet kondizzjonijiet stabbiliti hawn fuq ma twettqux. L-ewwel, it-trasferimenti ta' fondi mill-FOR, il-Fondi ta' Tqabbil kif ukoll il-kontribut finanzjarju mill-CoBo u l-PSB ma kinux ibbażati fuq parametri oġġettivi u trasparenti stabbiliti minn qabel.

(97) Barra minn hekk, il-miżuri ta' finanzjament *ad hoc* kif ukoll il-ħlasijiet mill-CoBo ma jieħdux kont tar-riċevuti kollha tal-PSB u ma jinkludux is-salvagwardji meħtieġa biex iwettqu kumpens żejjed. Tabilħaqq, kif ser jiġi vvalutat f'aktar dettal hawn taħt, il-finanzjament *ad hoc* fil-fatt irriżulta f'kumpens żejjed konsiderevoli.

(98) Finalment, ix-xandara pubbliċi Olandiżi ma ntgħażlux bħala fornituri ta' SGEI abbażi ta' offerta, u lanqas twettqet xi analiżi biex jiġi żgurat li l-livell ta' kumpens huwa determinat abbażi ta' analiżi ta' l-ispejjeż li jkunu ntefqu minn impriża tipika, immexxija tajjeb u pprovduta b'mod adegwat b'mezzi ta' produzzjoni xierqa sabiex tkun tista' tilħaq il-ħtiġiet tas-servizz pubbliku meħtieġ, fit-twettiq ta' dawn l-obbligi. L-istess jgħodd għall-finanzjament tal-faċilitajiet tekniċi disponibbli għall-PSB mill-NOB.

(99) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li mhux il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fis-sentenza *Altmark* huma sodisfatti f'dan il-każ.

6.3. **Tfixkil tal-kompetizzjoni**

(100) Il-vantaġġ ipprovdut mill-finanzjament *ad hoc*, it-trasferimenti għall-CoBo u l-provvista ta' faċilitajiet tekniċi b'xejn għax-xandara tas-servizz pubbliku Olandiż mhumiex disponibbli għal kwalunkwe impriża oħra f'sitwazzjoni komparabbli. Peress li l-kompetizzjoni tiġi mfixkla kull meta l-għajnuna ta' l-istat issaħħaħ il-pożizzjoni komuni ta' l-impriża benefiċjarja fil-konfront tal-kompetituri tagħha, il-vantaġġ jista' jfixkel il-kompetizzjoni bejn il-PSB u l-impriżi l-oħrajn ([33]).

6.4. **Effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri**

(101) Jekk l-għajnuna ta' l-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża kkomparata ma' impriżi oħrajn li qed jikkompetu f'kummerċ intra-komunitarju, dawn ta' l-aħħar għandhom

([33]) Ara l-Każ 730/79, *Philip Morris*, ĠABRA 1980, p. 2671, paragrafu 11.

jitqiesu li huma milquta minn dik l-għajnuna ([34]), anke jekk l-impriża benefiċjarja hija nniffsha mhux involuta fl-esportazzjoni ([35]). B'mod simili, meta Stat Membru jagħti għajnuniet lil impriżi li joperaw fis-servizz u industriji ta' distribuzzjoni, l-impriżi riċevituri jistgħu ma jkunux qed iwettqu n-negozju tagħhom barra l-Istat Membru għall-għajnuna biex ikollha effett fuq il-kummerċ Komunitarju ([36]).

(102) Skond din il-każistika, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-2001 dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat għal xandara tas-servizz pubbliku (Komunikazzjoni ta' Xandir) ([37]), tispjega li:

> *"Il-finanzjament ta' l-Istat tax-xandara tas-servizz pubbliku jista' jiġi kkunsidrat b'mod ġenerali li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Din huwa b'mod ċar il-pożizzjoni fir-rigward ta' l-akkwist u l-bejgħ tad-drittijiet tal-programmi, li ta' spiss jitwettqu f'livell internazzjonali. Ir-reklamar, ukoll, fil-każ tax-xandara pubbliċi li huma permessi li jbigħu spazju ta' reklamar, għandu effett transkonfini, speċjalment għal oqsma lingwistiċi omoġeni fil-fruntieri nazzjonali. Barra minn hekk, l-appartenenza tista' tiġi estiża għal aktar minn Stat Membru wieħed." ([38])*

(103) Fil-każ in kwistjoni, ix-xandara pubbliċi Olandiżi huma nnifsihom attivi fis-suq internazzjonali: permezz ta' l-Unjoni tax-Xandara Ewropej huma jiskambjaw programmi tat-televiżjoni u jipparteċipaw fis-sistema Eroviżjoni. Barra minn hekk, il-programmi tagħhom huma mxandrin fil-Belġju u l-Ġermanja. Ukoll, ix-xandara pubbliċi Olandiżi qegħdin f'kompetizzjoni diretta ma' xandara kummerċjali li huma attivi fis-suq ta-xandir internazzjonali u li għandhom struttura ta' appartenenza internazzjonali.

(104) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-finanzjament *ad hoc*, il-fondi pprovduti lill-CoBo u l-provvista ta' faċilitajiet tekniċi b'xejn huma tali li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

6.5. **Konklużjoni**

(105) Peress li l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE huma milħuqa u l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza-*Altmark* ma ntlaħqux fl-intier tagħhom, il-Kummissjoni tikkonkludi li finanzjament *ad hoc* (finanzjament mill-FOR u l-Fondi ta' Tqabbil), il-fondi mogħtija permezz tal-Fond CoBo u l-provvista ta' servizzi u faċilitajiet tekniċi b'xejn lix-xandara pubbliċi Olandiżi – jikkwalifikaw bħala għajnuna ta' l-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) KE. Min-naħa l-oħra, il-vantaġġ li jirriżulta minn aċċess b'xejn għan-netwerk tal-kejbil ma jinvolvix trasferiment għar-riżorsi ta' l-Istat u ma jikkostitwixxix għajnuna ta' l-Istat.

7. **KWALIFIKAZZJONI TA' MIŻURI BĦALA "GĦAJNUNA ĠDIDA"**

(106) Skond ir-Regolament tal-Kunsill 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 KE ([39]) "għajnuna eżistenti" għandha tfisser (*inter alia*):

> "(i) …, l-għajnuna kollha li eżistiet qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istati Membri rispettivi, jiġifieri, l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuna individwali li tnedew qabel, u għadhom applikabbli wara, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat."

(107) Kif iddikjarat qabel, wieħed jista' jiddistingwi bejn il-ħlasijiet annwali li mhumiex soġġetti għad-deċiżjoni preżenti u l-ħlasijiet *ad hoc*.

7.1. **Ħlasijiet annwali**

(108) Il-ħlasijiet annwali jsiru abbażi ta' l-Artikolu 110 MA li jiddikjara li "entitajiet li ngħataw ħin biex ixandru huma *intitolati* għal finanzjament mill-baġit ġenerali". Il-livell ta' finanzjament u d-disponibilità huma stabbiliti fl-istess MA. Din is-sistema ta' finanzjament eżistiet qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat, u hija kkwalifikata bħala għajnuna eżistenti kif rikonoxxuta mill-Kummissjoni fil-proċedura E-5/2005 ([40]).

7.2. **Ħlas *Ad hoc***

(109) 'Il hekk imsejħin ħlasijiet *ad hoc* għandhom numru ta' karatteristiċi li jiddistingwuhom mill-ħlasijiet annwali regolari u jargumentaw kontra l-kwalifikazzjoni tagħhom bħala għajnuna eżistenti:

— *Il-bażi legali għall-ħlasijiet ġiet stabbilita wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat*. Kien biss fl-1996 li l-Istat introduċa permezz tal-Fondi ta' Tqabbil il-possibbiltà biex jitqabblu l-ispejjeż li saru mix-xandara pubbliċi fil-każ ta' żieda eċċessiva fil-prezz għad-drittijiet tal-programm. Qabel l-1996, il-possibbiltà biex jitqabblu l-ħlasijiet li saru mix-xandara pubbliċi ma kinitx teżisti. Bl-istess mod, l-emenda għall-MA li tagħmilha possibbli li jsiru ħlasijiet *ad hoc* mill-FOR għal xandara individwali kienet introdotta fl-1998. Fir-rigward tal-kontribut ta' l-Istat lil CoBo, kien biss fl-1994 li l-Istat iddeċieda li jikkontribwixxi għal dan il-Fond.

([34]) Ara l-Kaz 730/79, *Philip Morris*, ĠABRA 1980, p. 2671, paragrafu 11 u l-Każ 259/85, *Repubblika ta' Franza v. Kummissjoni*, ĠABRA 1987, p. 4393, paragrafu 24.

([35]) Il-Każ C-75/97, *Belġju v. Kummissjoni* (Maribel bis), ĠABRA 1999, p. I-3671, paragrafu 45.

([36]) Il-Każ C-310/99, *Italja v. Kummissjoni*, ĠABRA 2002, p. I-2289, paragrafu 66.

([37]) ĠU C 320 tal-15.11.2001, p. 5.

([38]) Ara l-Komunikazzjoni tax-Xandir, paragrafu 18.

([39]) ĠU L 83 tas-27.3.1999, p. 1. ir-Regolament emendat bit-Trattat ta' l-Adeżjoni 2003.

([40]) Ara għal evalwazjoni sħiħa l-ittra ta' l-Artikolu 17 mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Olandiżi, E-5/2005, datata 3 ta' Marzu 2005.

— *Il-ħlasijiet proprji saru biss mill-1994*. Aktar speċifikament, il-ħlasijiet mill-fond CoBo saru mill-1994, mill-Fond ta' Tqabbil sa mill-1996 u mill-FOR sa mill-1999.

— *Kontrarju għall-finanzjament annwali regolari, il-ħlasijiet ad hoc ma jistgħux jikkwalifikaw bħala ħlasijiet li x-xandara tas-servizz pubbliku huma intitolati għalihom*. Il-pagament tal-finanzjament *ad hoc* għalhekk mhux proċess awtomatiku ([41]). Dawn il-ħlasijiet jitwettqu fuq talba mix-xandara individwali tas-servizz pubbliku u huma mogħtija wara deċiżjoni speċifika u individwali li ssir mill-Ministru għall-Kultura abbażi ta' l-Artikolu 106a MA. Fil-każ ta' l-FOR, per eżempju, il-Ministru jiddeċiedi filwaqt li jikkunsidra l-livell ta' l-FOR jekk il-flejjes għandhomx jiġu ttrasferiti mill-AOR lill-FOR. Hija mbagħad il-PO li tqassam il-flejjes ulterjorment abbażi tar-regoli stabbiliti fil-Protokolli.

— Il-kondizzjonijiet li taħthom it-trasferimenti jistgħu jitwettqu ġew stabbiliti fil-ħekk imsejħa "Protokolli ta' Trasferiment" stabbiliti fl-1999 u fl-2002. Fir-rigward tal-CoBo, l-Istat jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet għal ħlasijiet lil u mill-Fond li jmorru lura biss sa l-1994.

— Finalment, il-finanzjament huwa mogħti għal raġunijiet speċifiċi, kif indikat fil-paragrafu 2.3.3. Huma jservu per eżempju biex jagħtu impetu lix-xandara biex jipproduċu programmi aħjar, biex jassorbu l-varjazzjonijiet tad-dħul mir-reklamar, huma jservu biex jagħmlu tajjeb għal prezzijiet miżjuda ta' drittijiet ta' l-isports u huma jservu biex jistimolaw ko-produzzjonijiet bejn ix-xandara Belġjani u Ġermaniżi.

7.3. **Faċilitajiet tekniċi b'xejn**

(110) Ix-xandara tas-servizz pubbliku jirċievu faċilitajiet tekniċi b'xejn mill-NOB mindu l-"Att dwar il-mezzi tax-xandir 1987" daħal fis-seħħ. Sa minn dik is-sena, l-NOB bdiet tipprovdi faċilitajiet għax-xandara tas-servizz pubbliku fejn qabel dawn il-faċilitajiet kienu pprovduti mill-NOS. L-NOB ġie fdat b'servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u jipprovdi l-faċilitajiet lix-xandara tas-servizz pubbliku individwali b'xejn u jirċievi ħlasijiet direttament mill-Istat. Din il-miżura tista' għalhekk tiġi kkunsidrata bħala miżura ta' għajnuna ġdida.

7.4. **Konklużjoni dwar il-kwalifikazzjoni bħala "għajnuna ġdida"**

(111) Il-finanzjament *ad hoc* (ħlasijiet mill-FOR għax-xandara pubbliċi individwali u mill-Fondi ta' Tqabbil), it-trasferimenti mill-CoBo u l-provvista ta' faċilitajiet tekniċi b'xejn għandhom jiġu kkunsidrati kollha bħala għajnuna ġdida aktar milli għajnuna eżistenti.

8. **KUMPATIBILITÀ TA' L-GĦAJNUNA TAĦT L-ARTIKOLU 86(2) TAT-TRATTAT TAL-KE**

(112) Fuq il-bażi tal-karatteristika tal-miżuri l-unika raġunijiet possibbli għal kumpatibilità hija l-Artikolu 86(2) KE li jiddikjara li: *"Kull impriża responsabbli biex topera servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali [...] għandha tkun soġġetta għar-regoli ta' dan it-Trattat, b'mod partikolari dawk li jirreferu għall-kompetizzjoni, safejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma jostakolawx it-twettiq de jure jew de facto tal-funzjonijiet speċifiċi mogħtija lil dik l-impriża. L-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux jiżviluppa b' mod kuntrarju għall-interessi tal-Komunità."*

(113) Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti insistiet li l-Artikolu 86(2) KE jista' jipprovdi għal deroga mill-projbizzjoni fuq l-għajnuna ta' l-Istat għal impriżi fdati bi SGEI ([42]). Is-sentenza tal-Qorti *Altmark* b'mod impliċitu kkonfermat li l-għajnuna ta' l-Istat li tikkompensa l-ispejjeż li jkollhom jitħallsu minn impriża għall-provvista ta' SGEI tista' tkun kumpatibbli mas-suq komuni jekk tilħaq il-kondizzjoni ta' l-Artikolu 86(2) KE.

(114) Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti insistiet ([43]) li l-Artikolu 86(2) KE jinkludi deroga li għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Il-Qorti għamlitha ċara li, biex miżura tikkwalifika għal tali deroga, huwa meħtieġ li l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma milħuqa:

— is-servizz in kwistjoni għandu jkun servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u definit b'mod ċar bħala tali mill-Istat Membru;

— l-impriża in kwistjoni għandha tkun fdata espliċitament mill-Istat membru bil-provvista ta' dak is-servizz;

— l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat għandha tostakola l-prestazzjoni tal-kompiti partikolari assenjati lill-impriża u l-eżenzjoni minn tali regoli m'għandhomx jaffettwaw l-iżvilupp tal-kummerċ sal-punt li jkun kuntrarju għall-interessi tal-Komunità.

(115) Il-Komunikazzjoni tax-Xandir tistabbilixxi l-prinċipji u l-metodi li l-Kummisjoni għandha intenzjoni tapplika sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imsemmijin hawn fuq huma konformi. Hija għandha teżamina jekk fil-każ in kwistjoni:

— l-attivitajiet tax-xandir tax-xandara pubbliċi Olandiżi huma definiti b'mod ċar u preċiż mill-awtoritajiet pubbliċi Olandiżi bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (definizzjoni);

([41]) B'ittra lill-awtoritajiet Olandiżi datata 13 ta' Mejju 2004, il-Kapitolu F.6.

([42]) Ara *Altmark* op. Cit. paragrafu 101 sa 109.

([43]) Ara eż.. Każ 127/73, *BRT/SABAM*, ĠABRA 1974, p. 313, paragrafi 19/22.

— ix-xandara pubbliċi Olandiżi huma uffiċjalment fdati mill-awtoritajiet Olandiżi bil-provvista ta' dak is-servizz (*entrustment*);

— il-finanzjament ta' l-Istat ma jeċċedix l-ispiża netta ta' dak is-servizz pubbliku, waqt li jittieħed in kunsiderazzjoni dħul ieħor dirett jew indirett li ġej mis-servizz pubbliku (proporzjonalità).

8.1. **Definizzjoni**

(116) F'dan il-kuntest, għandu jiġi mmsemmi li l-finanzjament *ad hoc* u l-provvista b'xejn ta' faċilitajiet tekniċi huma intenzjonati biex jappoġġaw attivitajiet li huma parti mir-responsabbiltà ta' servizz pubbliku ġenerali. L-evalwazzjoni tal-livell globali ta' finanzjament tax-xandara tas-servizz pubbliku huwa għalhekk meħtieġ, iżda d-deċiżjoni preżenti m'għandhiex l-intenzjoni li tivvaluta l-mekkaniżmu u l-kondizzjonijiet li taħthom il-finanzament ta' l-Istat huwa pprovdut apparti l-miżuri speċifiċi hawn fuq. Id-deċiżjoni preżenti lanqas ma tikkonċerna l-organizzazzjoni tas-sistema tax-xandir pubbliku bħala sħiħ.

(117) Kif iddikjarat fil-paragrafu 33 tal-Komunikazzjoni tax-Xandir, huwa f'idejn l-Istati Membri biex jiddefinixxu l-mandat tas-servizz pubbliku ta' xandar pubbliku. Minħabba n-natura speċifika tat-taqsima tax-xandir, il-Kumissjoni tikkunsidra "*definizzjoni 'wiesgħa' li tagħti xandar partikolari l-kompitu li jipprovdi programmar bilanċjat u varjat skond il-mandat tiegħu, biex ikun leġittimu taħt l-Artikolu 86 (2) KE, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet interpretattivi tal-Protokoll. Tali definizzjoni għandha tkun konsistenti ma' l-objettiv li jintlaħqu l-ħtiġiiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' soċjetà partikolari u biex jiġi ggarantit il-pluraliżmu, inklużi d-diversità kulturali u lingwistika.*"

(118) Madankollu, għalkemm id-definizzjoni tista' tkun wiesgħa, hija għandha tkun suffiċjentement ċara u preċiża biex ma jitħalla ebda dubju dwar jekk ċerta attività mwettqa mill-operatur fdat hija intiża mill-Istat Membru biex tiġi inkluża fir-responsabbiltà tas-servizz pubbliku jew le. Kif dikjarat fil-paragrafu 36 tal-Komunikazzjoni tax-Xandir, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa limitat biex tivverifika jekk id-definizzjoni tas-servizz pubbliku tinkludix xi żball evidenti.

(119) Il-kompitu prinċipali tax-xandara pubbliċi huwa li jipprovdu programmi ta' kwalità għolja u varjati għal xandir ġenerali fuq l-istazzjonijiet pubbliċi, fl-interess ġenerali, kif stabbilit fl-Artikolu 13c MA. Il-ħtiġiet speċifiċi tal-programmar fir-rigward tal-kategoriji tal-kontenut li għandhom jiġu koperti u l-ammont ta' ħin ta' xandir li għandu jiġi ddedikat lil kull kategorija wkoll huma inklużi fil-leġiżlazzjoni.

(120) CLT-UFA ddikjarat li x-xandara pubbliċi Olandiżi jxandru b'mod ġenerali wisq sports u wisq futbol b'mod partikolari. Dawk li lmentaw speċifikaw li n-NOS RTV ixxandar il-maġġoranza ta' l-avvenimenti ta' l-isports fl-Olanda. Kif iddikjarat hawn fuq, il-finanzjament *ad hoc* kien intiż biex jiffinanzja attivitajiet li huma parti mir-responsabbiltà tas-servizz pubbliku ġenerali u kienu għalhekk intiżi għall-akkwist tad-drittijiet ta' l-isports.

(121) Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li x-xandir ta' programmi ta' l-isports, fi ħdan il-limitu ta' madwar 10 % tal-ħin totali ta' xandir, mhux żball evidenti. L-isports jista' jkun parti mill-missjoni tas-servizz pubbliku ta' xandara u proporzjon ta' 10 % tal-ħin ta' xandir iddedikat lill-isports mhux konsistenti mar-responsabbiltà li tiġi offruta varjetà ta' programmi bilanċjati u varjati tas-servizz pubbliku.

(122) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kompitu prinċipali kif definit fl-Artikolu 13c(1) huwa definit b'mod wiesa', iżda jista' jiġi kkunsidrat li jilħaq – skond il-formulazzjoni tal-protokoll ta' Amsterdam – il-"ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali" tas-soċjetà Olandiża. Għalhekk, id-definizzjoni fil-leġiżlazzjoni hija ċara u preċiża biżżejjed fir-rigward tal-kompitu prinċipali, u ma fihiex żbalji evidenti.

8.2. **Delegazzjoni**

(123) Il-paragrafu 40 tal-Komunikazzjoni ta' Xandir jiddikjara li sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni taħt l-Artikolu 86(2) KE, il-mandat tas-servizz pubbliku għandu jiġi fdat lix-xandara pubbliċi Olandiżi permezz ta' att uffiċjali. Il-Kummissjoni tinnota li l-Att dwar il-mezzi tax-xandir tafda formalment lill-NOS bil-kompitu tas-servizz pubbliku definit fl-Artikolu 13c u l-leġiżlazzjoni ta' sostenn. Ix-xandara pubbliċi huma mogħtija d-dritt li ixandru programmi fuq stazzjonijiet pubbliċi bl-Artikolu 31 MA, u l-Kummissjoni tikkunsidra li l-kompitu prinċipali tax-xandir ta' programmi huwa suffiċjentement fdat lix-xandara pubbliċi.

8.3. **Proporzjonalità**

(124) Fil-Kapitolu 6.3 tal-Komunikazzjoni ta' Xandir, huwa spjegat li l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità li l-Kummissjoni għandha twettaq hija maqsuma fi tnejn. ([44])

(125) Min-naħa waħda, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ispiża netta tal-kompitu tas-servizz pubbliku fdat lix-xandara pubbliċi Olandiżi u tivverifika jekk din l-ispiża kinitx ikkumpensata żżejjed jew le. Meta tikkumpensa impriża, l-għajnuna ta' l-Istat m'għandhiex teċċedi l-ispejjeż netti tal-missjoni tas-servizz pubbliku. Biex tasal għall-ispiża netta, għandu jiġi kkunsidrat id-dħul dirett jew indirett li ġej mill-missjoni tas-servizz pubbliku. Għalhekk il-benefiċċju nett ta' l-isfruttar ta' l-attività tas-servizz pubbliku għandu jiġi kkunsidrat għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tal-propozjonalità ta' l-għajnuna.

([44]) Ara l-Komunikazzjoni tax-Xandir, il-paragrafi 57-58.

(126) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni għandha tinvestiga kwalunkwe informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha billi tissuġġerixxi li x-xandara pubbliċi fixklu l-kompetizzjoni fis-swieq kummerċjali aktar milli meħtieġ għat-twettiq tas-servizz pubbliku. Per eżempju, xandar tas-servizz pubbliku, sakemm dħul iktar baxx ikun kopert mill-għajnuna ta' l-Istat, jista' jkollu t-tentazzjoni li jnaqqas il-prezzijiet tar-reklamar jew ta' attivitajiet oħrajn tas-servizz mhux pubbliku fis-suq, sabiex inaqqas id-dħul tal-kompetituri. Tali prattika teħtieġ finanzjament ta' l-istat addizzjonali biex jikkumpensa għad-dħul mitluf minn attivitajiet kummerċjali u għalhekk ikun jindika l-preżenza ta' kumpens żejjed ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku.

8.3.1. ***Trasparenza u spiża-allokazzjoni***

(127) Il-Kummissjoni l-ewwel teħtieġ tiddetermina l-ispiża ta' l-SGEI. Peress li x-xandara pubbliċi Olandiżi jwettqu wkoll attivitajiet ta' servizz mhux pubbliku, huma meħtieġa b'Direttiva tal-Kummissjoni 80/723 tal-25 ta' Ġunju 1980 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi ([45]), kif emendat bid-Direttiva 2000/52/EG ([46]), biex tinżamm kontabilità separata abbażi tal-prinċipji tal-kontabilità dwar l-ispiża stabbilita b'mod ċar u oġġettiva. L-ispejjeż li huma attribwibbli kompletament għall-attivitajiet tas-servizz pubbliku biss, filwaqt li jibbenefikaw ukoll mill-attivitajiet kummerċjali, m'għandhomx għalfejn ikunu f'porzjon bejn it-tnejn u jistgħu jkunu kompletament allokati għas-servizz pubbliku ([47]).

(128) Il-linja gwida 80/723/EEG ġiet implimentata fl-Olanda permezz ta' emenda tal-Liġi dwar il-Kompetizzjoni ("Mede-"Mededingingswet") ([48]). Barra minn hekk, Digriet speċjali ([49]) jobbliga lix-xandara pubbliċi jżommu kontabbilità separata għall-attivitajiet sekondarji u l-attivitajiet ta' assoċjazzjoni kollha. Fuq il-bażi ta' dan, l-awtoritajiet Olandiżi pprovdew informazzjoni dwar l-ispejjeż u d-dħul tax-xandara pubbliċi fil-perjodu 1994-2005.

(129) Skond il-ħtiġiet tad-Direttiva ta' Trasparenza l-Istati Membri m'għandhomx biss jiżguraw li tinżamm kontabilità separata għal attivitajiet tas-servizz pubbliku u tas-servizz mhux pubbliku, iżda wkoll li l-ispejjeż u d-dħul kollu huwa allokat b'mod korrett abbażi ta' prinċipji ta' kontabilità applikata b'mod kostanti u ġustifikabbli b'mod oġġettiv u li l-prinċipji ta' l-allokazzjoni ta' l-ispejjeż li għalihom tinżamm kontabilità separata jiġu stabbiliti b'mod ċar.

([45]) ĠU L 195 tad-29.7.1980, p. 35. Emendata bil-Linja Gwida 2005/81/KE (ĠU L 312 tad-29.11.2005, p. 47).

([46]) ĠU L 193 tad-29.7.2000, p. 75.

([47]) Ara. Komunikazzjoni ta' Xandir, paragrafu 53-56.

([48]) Ara. Artikolu 25a ta' l-Att dwar il-Kompetizjoni Olandiż.

([49]) Digriet tas-Segretarju ta' l-Istat tat-13 ta' Ġunju 2001 li jinkludi l-anness "Kontabbiltà Finanzjarja Manwali".

(130) Madankollu, fil-każ preżenti, il-Kummissjoni tinnota li d-Digriet ma jiddeterminax kif ix-xandara pubbliċi għandhom jallokaw l-ispejjeż li huma kondiviżi mill-attivitajiet tas-servizz pubbliku u tas-servizz mhux pubbliku. Informazzjoni mill-awtoritajiet Olandiżi tikkonferma li barra dan ix-xandara pubbliċi jużaw metodi differenti biex jallokaw l-ispejjeż. L-awtoritajiet jargumentaw li fuq livell individwali l-allokazzjoni hija korretta, iżda minħabba l-għażliet li x-xandara individwali jagħmlu fir-rigward ta' l-allokazzjoni, l-allokazzjoni tista' tkun differenti minn xandar għall-ieħor. Il-Kummissjoni ttenni madankollu li l-fatt li m'hemm ebda konsistenza bejn ix-xandara differenti hija indikazzjoni li d-Digriet ma jippreskrivix b'mod suffiċjenti kif l-allokazzjoni ta' l-ispejjeż għandha titwettaq.

(131) Għalhekk, abbażi ta' l-informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet Olandiżi, ma jistax jiġi konkluż li l-ispejjeż huma allokati b'mod korrett abbażi tal-metodi ta' allokazzjoni ta' l-ispejjeż. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dħul nett kollu ta' l-attivitajiet kummerċjali tax-xandara tas-servizz pubbliku għandhom jiġu kkunsidrati fid-determinazzjoni jekk il-finanzjament ta' l-istat kienx proporzjonali ma' l-ispejjeż tas-servizz pubbliku. Dan huwa konsistenti wkoll mal-qafas leġiżlattiv Olandiż li japplika għas-sistema ta' xandir tas-servizz pubbliku u li jobbliga lix-xandara biex jużaw għall-għanijiet tas-servizz pubbliku l-profitti tagħhom kollha, inkluż dawk mill-attivitajiet kummerċjali ([50]).

8.3.2. ***Propozjonalità tal-Finanzjament Pubbliku***

(132) Skond il-paragrafu 57 tal-Komunikazzjoni tax-Xandir, huwa meħtieġ li l-għajnuna ta' l-Istat ma teċċedix l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku li tħallsu mix-xandar. Għalhekk, wara li jiġu ddeterminati l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku għandu jiġi stabbilit jekk l-ammont totali tal-finanzjament ta' l-istat ma jeċċedix dan l-ammont.

(133) Kif innotat hawn fuq, jekk ma twettqitx allokazzjoni ta' l-ispejjeż kompleta jew sinifikanti, id-dħul nett ta' l-attivitajiet kollha li bbenefikaw direttament jew indirettament mill-finanzjament pubbliku għandhom jiġu kkunsidrati għall-kalkolu ta' l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku ([51]). Id-dħul ta' l-attivitajiet kummerċjali "li jitmexxew weħidhom" biss m'għandhomx għalfejn jiġu kkunsidrati fl-istabbiliment ta' l-ispejjeż netti tal-missjoni tas-servizz pubbliku. Dawn l-attivitajiet li ma bbenefikawx direttament jew indirettament – per eżempju permezz ta' inputs ta' produzzjoni irħas – mill-finanzjament ta' l-istat jew li ħallsu l-valur sħiħ ta' l-inputs li huma jaqsmu ma' jew jirriżultaw mill-attività tas-servizz pubbliku.

([50]) L-ammonti pprovduti mill-awtoritajiet Olandiżi juru li fil-perjodu taħt investigazzjoni l-attivitajiet kummerċjali tax-xandara tas-servizz pubbliku kienu globalment qed jagħmlu profitt.

([51]) Ara l-Komunikazzjoni dwar il-Xandir, paragrafi 55 u 56.

(134) La l-kunċett ta' "attivitajiet li jitmexxew weħidhom" u lanqas allokazzjoni sinifikanti u kompleta bejn l-attivitajiet differenti tax-xandara ma jeżistu fis-sistema tax-xandir tas-servizz pubbliku Olandiża. Barra minn hekk, l-Att dwar il-mezzi tax-xandir jistipola li d-dħul nett kollu tal-kompitu prinċipali u sekondarju ([52]), l-attivitajiet sekondarji u l-attivitajiet ta' assoċjazzjoni ([53]) għandu jintuża għat-twettiq tal-missjoni tas-servizz pubbliku ([54]).

(135) Konsegwentement, l-ispejjeż netti ta' l-attivitajiet tas-servizz pubbliku huma determinati billi jiġi kkunsidrat id-dħul mill-attivitajiet kollha tax-xandara tas-servizz pubbliku. Għaldaqstant:

— fl-ewwel lok, l-ispiża netta tas-servizz pubbliku hija ddeterminata billi jitnaqqsu l-ispejjeż totali tal-forniment tas-servizz pubbliku, id-dħul nett li jirriżulta mill-isfruttar tas-servizz pubbliku (kompiti prinċipali u sekondarji) ([55]);

— fit-tieni lok, id-dħul kummerċjali nett l-ieħor kollu huwa kkunsidrat (attivitajiet sekondarji u ta' assoċjazzjoni);

— fit-tielet lok, il-forom kollha tal-finanzjament pubbliku huma miżjuda flimkien. L-ewwel, il-finanzjament ta' l-Istat annwali u l-*ħlasijiet Stifo* li huma kkunsidrati bħala miżuri ta' "għajnuna eżistenti". It-tieni, il-finanzjament *ad hoc* (pagament mill-FOR u l-Fondi ta' Tqabbil) u l-ħlasijiet mill-*CoBo*, li huma kkunsidrati bħala miżuri ta' "għajnuna ġdida".

(136) Is-somma tal-punti kollha ta' hawn fuq tiddetermina jekk il-finanzjament totali ta' l-Istat jeċċedix jew le l-ispejjeż totali netti tas-servizz pubbliku, jew fi kliem ieħor, jekk kien hemm jew le kumpens żejjed tal-kompiti tas-servizz pubbliku.

(137) Fir-rigward tal-provvista b'xejn tas-servizzi u l-faċilitajiet tekniċi mill-NOB, il-miżura għandha, fil-prinċipju, tiġi kkunsidrata fl-evalwazzjoni tal-kumpens żejjed. Madankollu, mhux meħtieġ b'mod espliċitu li tiġi inkluża l-miżura fil-kalkoli peress li l-benefiċċji mis-servizz tekniku b'xejn ikollu jiġi ffinanzjat. Għalhekk, bil-ħlas ta' l-ispejjeż in kwistjoni jkun żdied bl-istess ammont ta' l-ispejjeż tas-servizz pubbliku fdati lix-xandara pubbliċi Olandiżi. L-inklużjoni ta' dawn l-ispejjeż għalhekk ma jbiddlux ir-riżultat nett finali ([56]).

8.4. **Deċiżjoni tal-ftuħ u l-perjodu taħt investigazzjoni**

(138) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni, fuq bażi preliminari, ikkwantifikat il-kumpens żejjed li jammonta għal € 110 miljun. Il-kalkolu kien ibbażat fuq statistika mhux kompluta ta' l-ammont proprju ta' trasferimenti għar-riżervi u tal-livell tar-riżervi miżmuma mis-sistema ta' xandir tas-servizz pubbliku bħala parti sħiħa matul is-snin 1992-2002. L-awtoritajiet ma pprovdewx fil-ħin *data* kompleta dwar ix-xandara individwali.

(139) Wara l-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni rċeviet statisiċi ta' spejjeż u dħul tax-xandara individwali li li huma aktar dettaljati mill-istatistiċi globali pprovduti fil-ħin tal-ftuħ tal-proċedura. Barra minn hekk, l-informazzjoni ġdida tipprovdi *data* proprja sas-sena 2005 u tinkudi wkoll stima għall-2006.

(140) Id-deċiżjoni tikkonċerna l-ħlasijiet *ad hoc* li kienu mħallsin sa mill-1994 u tkopri l-perjodu sa l-2005. Fir-rigward taddata ta' tmiem, l-awtoritajiet Olandiżi stiednu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra wkoll l-istatistika mill-2006. Madankollu, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax dan bħala xieraq, peress li l-istatistiċi mill-2006 huma biss għas-sena ta' baġit attwali.

8.4.1. ***Evalwazzjoni tal-kumpens tax-xandara tas-servizz pubbliku individwali***

(141) Jidher li 14 minn 19-il xandar tas-servizz pubbliku ġew ikkumpensati żżejjed fil-perjodu 1994-2005. Il-kumpens żejjed iġġenera € 32 miljun profitti li ġew ittrasferiti ġeneralment fir-Riżervi tal-Programm tagħhom.

(142) Madankollu, parti mill-kumpens żejjed ġie użat f'xi każijiet biex jibbilanċja l-kumpens nieqes fil-perjodu qabel l-1994, Riżerva tal-Programm negattiva ([57]). Ix-xandara ngħataw permess jirreġistraw biss ir-Riżervi tal-Programm negattivi meta l-ispejjeż tas-servizz pubbliku qabżu s-sorsi varji tal-finanzjament tas-servizz pubbliku. Fi kliem ieħor, ir-Riżervi tal-Programm negattivi setgħu jirriżultaw biss minn kumpens inqas ta' l-ispejjeż tas-servizz pubbliku.

(143) Min-naħa l-oħra, kwalunkwe telf possibbli mill-attivitajiet kummerċjali kellhom jiġu ffinanzjati bir-Riżervi ta' l-

([52]) Dħul mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, dħul mill-sms, sponsors, reklamar u bejgħ ta' biljetti, eċċ. Dan jista' jittieħed mill-"Handboek Financiële Verantwoording" imsemmi qabel li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji tal-kontabbiltà kif għandhom jiġu applikati mix-xandara pubbliċi indvidwali (Verżjoni 2005, Mudell VII, paġna 18).

([53]) Dħul mill-attivitajiet sekondarji u ta' assoċjazzjoni huma:
1. Dħul mill-attivitajiet ta' assoċjazzjoni: dawn huma ġeneralment fil-forma ta' kontributi minn membri, dħul minn rivisti ta' assoċjazzjoni u donazzjonijiet riċevuti;
2. Dħul minn kapital: dan huwa dħul minn interessi, kiri u parteċipazzjonijiet;
3. Dħul minn rivisti tal-programm: dħul mill-pubblikazzjoni ta' rivisti tal-programm (rivista bid-dettalji tal-programm, reviżjonijiet, reklamar, eċċ);
4. Dħul minn attivitajiet oħrajn: dħul minn CD's u DVD's, bejgħ ta' formats tal-programm.

([54]) Ittra mill-awtoritajiet Olandiżi fil-kuntest tal-proċedura E-5/2005, datata t-2 ta' Ġunju 2005 u reġistrata s-7 ta' Ġunju 2005.

([55]) Ara l-paragrafu 26.

([56]) Dan huwa skond il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni dwar ix-xandar pubbliku Taljan RAI: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2003 dwar il-miżuri implimentati mill-Italja għal RAI SpA, ĠU L 119 tat-23.04.2004, p. 1.

([57]) Eż. VARA, fl-1994, kellha Riżerva tal-Programm negattiva ta' € 8,5 miljun.

Assoċjazzjoni u ma setgħux jiġu riflessi fir-Riżervi tal-Programm. Skond l-awtoritajiet Olandiżi, ir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni nbdew b'fondi privati.

(144) Hemm ukoll każijiet li fihom in-nuqqas ta' kumpens ta' l-ispejjeż tas-servizz pubbliku kien temporanjament iffinanzjat mir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni. Fl-1993, ir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni kienu "iffriżati" mill-awtoritajiet Olandiżi; sa minn dak il-mument, id-dħul mis-servizz pubbliku u l-attivitajiet kummerċjali ma setgħux jiġu miżjuda aktar ma' dawn ir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni. Madankollu, saret eċċezzjoni għar-rimborż ta' ħlasijiet li saru mir-Riżervi ta' Assoċjazzjoni qabel l-1994 biex ikopru għal spejjeż tas-servizz pubbliku mhux iffinanzjati. Skond l-awtoritajiet Olandiżi, din kienet l-unika ċirkostanza li fiha l-fondi xorta ġew miżjuda ma' dawn ir-riżervi wara l-1994 ([58]).

(145) Il-Kummissjoni tikkunsdira li l-ammonti negattivi rreġistrati fir-Riżervi tal-Programm u l-varjazzjonijiet pożittivi tar-Riżervi ta' Assoċjazzjoni wara l-1994 seħħew biss b'riżultat ta' "nuqqas ta' kumpens" preċedenti ta' l-ispejjeż tas-servizz pubbliku. L-ibbilanċjar konsegwenti ta' dawn issommom huwa għalhekk ikkunsidrat bħala spejjeż eliġibbli tal-kompitu tas-servizz pubbliku. L-ammonti korrispondenti għalhekk m'għandhomx jiġu kkunsidrati għall-istabbiliment ta' kumpens żejjed.

(146) Kif iddikjarat qabel, il-kumpens żejjed mexa b'mod ġenerali fir-Riżervi tal-Programm. Fl-2005, il-PO iddeċieda għall-ewwel darba, abbażi ta' l-Artikolu 109a u l-Art 19a(1)h ta' l-MA, li r-riżervi miżmuma mix-xandara pubbliċi ta' iktar minn 5 sa 10 % tal-baġit annwali tagħhom għandu jiġi ttrasferit lill-PO ([59]). Dan it-trasferiment huwa kkunsidrat ukoll parti mill-miżuri *ad hoc* u huwa kkunsidrat fid-determinazzjoni tal-proporzjonalità tal-kumpens. B'riżultat ta' dan, dan it-trasferiment naqqas il-kumpens globali tax-xandara individwali tas-servizz pubbliku, filwaqt li żied il-kumpens żejjed tal-PO.

(147) Billi titnaqqas – minn kull sena mill-1994 sa l-2005 – l-ispiża netta tas-servizz pubbliku mill-finanzjament globali riċevut mill-istat, fil-mod deskritt fil-paragrafu 135, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-ebda mix-xandara individwali ma rċevew finanzjament pubbliku ta' iktar minn 10 % tal-baġit annwali tiegħu. Peress li l-ispejjeż tax-xandir pubbliku jista' jvarja kull sena, l-Istat jista' tassew jixtieq għal raġunijiet baġitarji li jżomm il-varjazzjonijiet fil-finanzjament ta' l-Istat għal minimu u jippermetti ċertu perċentwali ta' kumpens żejjed annwali biex jitmexxa 'l quddiem għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għarfet dan il-prinċipju fil-każ tax-xandir pubbliku Olandiż ([60]).

(148) Il-Kummissjoni ddikjarat li f'dak il-każ li dawn ir-riżervi għandhom jiġu stabbiliti għal dan l-għan speċifiku u li huma għandhom jiġu regolarizzati f'ħinijiet fissi, jiġifieri jiġi mnaqqas mill-kumpens tas-sena d-dieħla jekk il-kumpens żejjed ġie determinat. Għalhekk, jekk il-kumpens żejjed ma jeċċedix l-10 % ta' l-ammont tal-kumpens annwali, tali kumpens żejjed huwa kumpatibbli mat-Trattat tal-KE u jista' jitmexxa l-quddiem għall-perjodu annwali li jmiss u mnaqqas mill-ammont ta' kumpens pagabbli fir-rigward ta' dak il-perjodu.

(149) Kif diġà indikat, l-awtoritajiet Olandiżi ddeċidew li kull xandar individwali tas-servizz pubbliku jista' jżomm biss riżerva dedikata ta' massimu ta' 5 sa 10 % tal-baġit annwali tiegħu ([61]). Fid-dawl ta' din il-limitazzjoni, il-PO ordna fl-2005 t-trasferiment ta' € 42,457 miljun ta' riżervi mix-xandara individwali lill-PO. L-awtoritajiet impenjaw ruħhom ukoll li jwettqu regolarment il-monitoraġġ tar-riżervi u li jordnaw ir-rimborż ta' ammonti ta' eċċess 'il fuq minn 10 % tal-kumpens annwali ([62]). Il-Kummisjoni għalhekk tikkunsidrat li l-kondizzjonijiet huma milħuqa biex ikun aċċettat bħala kumpatibbli ammont ta' kumpens żejjed li ma jeċċedix l-10 % tal-baġit annwali tax-xandara tas-servizz pubbliku ([63]).

(150) Peress li l-kumpens żejjed ma jeċċedix il-marġini ta' 10 % tal-baġit annwali, jista' għalhekk jiġi kkunsidrat bħala ġustifikat jew it-twettiq tas-servizz pubbliku u l-għajnuna hija għalhekk ikkunsidrata kumpatibbli ma' l-Artikolu 86 (2) tat-Trattat tal-KE.

8.4.2. ***Kumpens żejjed lil PO***

(151) Il-PO irċieva wkoll kumpens għall-ġestjoni u r-rwol ta' koordinazzjoni tas-sistema ta' xandir. Dan ir-rwol huwa mwettaq minn organizzazzjoni separata, 'il hekk imsejħa PO, li żżomm kontabilità interna separata. L-awtoritajiet Olandiżi ddikjaraw li għalkemm in-NOS RTV u l-PO huma partijiet ta' entità legali ewlenija u jippreżentaw ukoll kontabbilità konsolidata, taħt l-ebda ċirkustanza ma jistgħu jkollhom aċċess għall-fondi ta' xulxin.

([58]) Dan japplika għall-AVRO, KRO, NCRV u VARA. Ittra ta' l-awtoritajiet Olandiżi, it-30 ta' April, reġistrata fit-13 ta' Mejju 2004.

([59]) Ittra "Publieke Omroep" datata it-28 ta' Lulju 2005, mibgħuta mill-awtoritajiet Olandiżi fl-1 ta' Settembru 2005 (reġistrata fil-5 ta' Settembru 2005).

([60]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/217/EG tad-19 ta' Mejju 2004 dwar il-miżuri implimentati mid-Danimarka għal TV2/Denmark ĠU L 85 tat-23.08.2006, paragrafu 113.

([61]) 5 jew 10 % jiddependi mid-daqs tal-baġit tax-xandar.

([62]) Fl-abbozz tal-proposta għal Att ġdid dwar il-Mezzi tax-Xandir (Att dwar il-mezzi tax-xandir 2007), il-Gvern Olandiż introduċa regola li tistabbilixxi li r-riżerva tiġi mmonitorjata kull sena u li kwalunkwe riżerva eċċessiva (riżerva ta' 'l fuq minn 10 % tal-kumpens annwali) għandu jiġi ttrasferit lura lill-AOR amministrat mill-Awtorità dwar il-Mezzi tax-Xandir. Il-gverjn Olandiż impenja ruħu – b'ittra ta' l-4 ta' Mejju 2006 – li jintroduċi din ir-regola fil-liġi tal-Baġit 2006, li tiggarantixxi l-applikazzjoni sa l-adozzjoni ta' l-"Att dwar il-Mezzi tax-Xandir 2007".

([63]) Fil-prattika 5 % ta' 10 %, kif determinat mill-awtoritajiet Olandiżi.

(152) Fuq il-bażi tal-kontabilità separata għall-PO u b'segwitu ta' l-approċċ deskritt fil-paragrafu 135, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-PO irċieva total ta' kumpens żejjed ta' € 55,908 miljun, li ma jinkludix ir-riżervi li kienu trasferiti fl-2005 mix-xandara individwali. It-trasferiment tar-riżervi ammonta għal € 42,457 miljun. Meta dan it-trasferiment jiġi kkunsidrat, it-total ta' kumpens żejjed tal-PO jammonta għal € 98,365 (€ 55,908 + € 42,457) miljun).

Tabella 4

Ħarsa ġenerali tal-finanzjament annwali tal-PO (1994-2005). Ammonti x 1 miljun € [64]

	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	Total
Spejjeż ta' attività pubblika	53,1	60,5	61,8	64,6	69,3	77,3	89,0	94,7	100,4	91,2	91,9	95,2	948,9
Dħul minn attività pubblika	0	0	0	0,7	3,3	3,5	2,5	2,6	3,4	0,2	0	0	16,2
Spejjeż netti ta' attività pubblika	**53,1**	**60,5**	**61,8**	**63,9**	**66,0**	**73,8**	**86,4**	**92,0**	**97,0**	**90,9**	**91,9**	**95,2**	**932,7**
Riżultat nett ta' attivitajiet kummerċjali	**5,7**	**5,9**	**6,5**	**7,3**	**10,7**	**16,0**	**13,7**	**12,0**	**10,8**	**13,1**	**22,3**	**9,7**	**133,7**
Ħtieġa għal finanzjament pubbliku	**47,5**	**54,6**	**55,3**	**56,5**	**55,4**	**57,8**	**72,7**	**80,0**	**86,2**	**77,8**	**69,6**	**85,5**	**799,0**
Ħlasijiet annwali	49,4	55,6	58,3	58,9	62,3	70,7	68,7	74,6	78,6	85,4	78,0	79,3	819,6
Ħlasijiet annwali minn Stifo	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Kumpens annwali totali	**49,4**	**55,6**	**58,3**	**58,9**	**62,3**	**70,7**	**68,7**	**74,6**	**78,6**	**85,4**	**78,0**	**79,3**	**819,6**
Riżultat minn ħlasijiet *ad hoc*	**1,9**	**1,0**	**3,0**	**2,3**	**6,9**	**12,8**	**- 4,0**	**- 5,4**	**- 7,6**	**7,6**	**8,4**	**- 6,2**	**20,7**
Ħlasijiet minn FOR	0	0	0	0	0	0	7,1	6,1	5,2	7,0	5,6	2,8	33,9
Ħlasijiet minn Fondi ta' Tqabbil	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Ħlasijiet minn CoBo	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Trasferiment ta' riżervi ta' eċċess	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	42,5	42,5
Ħlasijiet totali *ad hoc*	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**7,1**	**6,1**	**5,2**	**7,0**	**5,6**	**45,3**	**76,3**
Spejjeż straordinarji	0	0	0	0	0	0,9	0	0,2	0,2	0	0	0	1,4
Kumpens totali żejjed/nieqes	**1,9**	**1,0**	**3,0**	**2,3**	**6,9**	**13,7**	**3,1**	**0,9**	**- 2,1**	**14,5**	**14,0**	**39,1**	**98,4**

[64] Differenzi bejn it-test u t-tabella minħabba differenzi ta' approssimazzjoni.

(153) Huwa kkunsidrat li l-kumpens żejjed ta' € 98,365 miljun mhux meħtieġ għat-tħaddim tas-servizz pubbliku u għalhekk ma jistax jibbenefika mid-deroga ta' l-Artikolu 86(2) għal projbizzjoni dwar l-għajnuna ta' l-istat. Għalhekk, il-kumpens żejjed mhux ikkunsidrat bħala għajnuna kumpatibbli u għandu in prinċipju jiġi rkuprat mill-PO.

(154) Minkejja dan, jidher li l-kumpens żejjed jeċċedi l-ħlasijiet totali *ad hoc* akkumulati lill-PO. Il-PO irċeviet € 33,870 miljun bħala ħlasijiet *ad hoc* mill-baġit tal-mezzi tax-xandir ta' l-Istat, kif ukoll it-trasferiment *ad hoc* ta' € 42,457 miljun mix-xandara l-oħrajn. Dan jagħti total ta' € 76,327 miljun ta' ħlasijiet riċevuti mill-miżuri *ad hoc*. Barra dan, il-ħlasijiet *ad hoc* iġġeneraw ukoll interessi li għandhom jiġu kkunsidrati fid-determinazzjoni ta' l-ammont tal-fondi li ma ġewx riċevuti fil-kuntest tal-"miżuri ta' għajnuna eżistenti". Għalhekk, l-irkuprar ikollu massimu ta' € 76,327 miljun b'żieda ta' l-interessi peress li l-kumpens żejjed "li jibqa'" ġie mogħti permezz ta' l-għajnuna eżistenti u ma tistax tiġi rkuprata.

2.5. Imġieba mhux kompetittiva fuq swieq kummerċjali

(155) Kif spjegat fil-Komunikazzjoni tax-Xandir, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-imġieba mhux kompetittiva minn xandara tas-serivizz pubbliku ma tistax tiġi kkunsidrata meħtieġa għat-twettiq tal-missjoni tas-servizz pubbliku. Fid-deċiżjoni biex jinbdew proċeduri ta' investigazzjoni formali l-Kummissjoni semmiet it-tfixkil tas-suq possibbli li ġej:

8.5.1. *Trasmissjoni bil-Kejbil*

(156) Fil-kuntratt mudell konkluż fl-1985 bejn ix-xandara u l-operaturi tal-kejbil, huwa stipolat, fuq talba tal-gvern Olandiż, li l-operaturi tal-kejbil ma jħallsux għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għat-trasmissjoni tal-programmi televiżivi pubbliċi Olandiżi. Billi ma tħallasx il-pagament tad-dritt għal proprjetà intellettwali minn operaturi tal-kejbil, jista' jiġi mistoqsi jekk il-PO aġixxietx bħala operatur tas-suq normali peress li warrbet dħul kummerċjali.

(157) L-awtoritajiet Olandiżi argumentaw madankollu li l-fatt li l-PO ma titlobx miżata għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali mhix neċessarjament kontradittorja ma' l-imġieba tas-suq. Wara kollox, lanqas ix-xandara kummerċjali ma jitolbu ħlas mill-operaturi tal-kejbil għat-trasmissjoni tal-programmi tagħhom. ([65])

([65]) Skond il-VECAI (l-organizzazzjoni ta' l-operaturi tal-kejbil), in-NOS fil-fatt tirċievi, pagament mill-VECAI, għalkemm huwa msemmi b'mod differenti. Madankollu, in-NOS ma tikkunsidrax dan l-pagament għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

(158) Tabilħaqq, il-ftehim kummerċjali bejn xandara u operaturi tal-kejbil jista' jieħu diversi forom partikolarment fid-dawl tal-fatt li t-transazzjoni tinvolvi skambju tas-servizzi ta' trasmissjoni fil-konfront tad-disponibbiltà li hija ta' valur għaż-żewġ partijiet. Il-Kummissjoni sabet għaldaqstant li m'hemmx indikazzjonijiet ċari li l-PO aġixxiet kuntrarju għall-imġieba tas-suq u li bir-rinunzja għad-dħul kummerċjali żiedet il-ħtieġa għall-finanzjament ta' l-Istat.

8.5.2. *Suq tar-reklamar*

8.5.2.1 *Allegat tnaqqis ta' prezzijiet għal GRP 20-49*

(159) Fil-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed indikazzjonijiet li l-iSTER fil-fatt ma naqqsitx il-prezzijiet. Minkejja dan, l-informazzjoni li ġiet ippreżentata wara l-ftuħ ta' l-investigazzjoni minn min qed jilmenta u mill-awtoritajiet Olandiżi għandha tiġi vvalutata.

(160) Il-Paragrafu 58 tal-Komunikazzjoni jindika li x-xandara tas-servizz pubbliku jistgħu jkunu mħajrin inaqqsu l-prezzijiet tar-reklamar sabiex inaqqsu d-dħul tal-kompetituri. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li x-xandara pubbliċi fl-Olanda ma jwettqux direttament attivitajiet ta' reklamar, iżda l-attivitajiet ta' reklamar huma mwettqin minn organizzazzjoni separata li jisimha STER. Id-dikjarazzjoni tal-missjoni ta' l-iSTER hija li jiġi sfruttat il-ħin disponibbli għar-reklamar b'tali mod li huwa jista' jwassal l-aħjar kontribut għall-finanzjament ċentrali tax-xandara tas-servizz pubbliku. Hija tiffunzjona bħala intermedjarja, li għandha l-missjoni li timmassimizza l-profitti mill-bejgħ ta' l-ispazju tar-reklamar tax-xandara pubbliċi. Kif diġà ssemma qabel, l-iSTER titrasferixxi d-dħul tar-reklamar direttament lill-baġit tal-mezzi tax-xandir.

(161) Imġieba ta' tnaqqis ta' prezzijiet minn STER għandha tirrifletti f'xi wħud miċ-ċirkostanzi jew kollha li ġejjin: prezzijiet iktar baxxi ta' STER fir-rigward tal-kompetituri tagħha, iż-żieda tas-sehem tas-suq u t-telf ta' dħul għall-iSTER.

(162) L-ewwel, kif indikat ukoll il-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, tqabbil bejn il-prezzijiet ta' kumpaniji tal-bejgħ ta' reklamar pubbliċi u privati jista' jiġi meqjus bħala sostitut ta' valur tal-kriterji indikati fil-paragrafu 58 tal-Komunikazzjoni tax-Xandir.

(163) Sabiex jiġu mqabblin il-prezzijiet, il-grupp fil-mira ta' 20-49 sena huwa l-iktar wieħed rilevanti. Kif jirriżulta mit-Tabella 5 hawn taħt, hemm sotto-gruppi differenti, li ħafna minnhom huma telespettaturi fil-mira bejn l-etajiet ta' 20-49:

Tabella 5

Perċentwali tal-mira mmirata tal-GRP mill-iSTER fl-2004

Mira	13+	20-34	35-49	50-64	20-49	Xerreja 20-49	Xerreja 20-49+ tifel/tifla	Irġiel 20-34	Nisa 20-34
Miksuba	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

Sors: Ittra mill-awtoritajiet Olandiżi datata s-27 ta' Jannar 2005.

(164) It-Tabella 5 tindika li l-iSTER tbigħ reklamar għal udjenza. Mill-1999, is-sehem tas-suq ta' l-iSTER fir-reklamar u l-udjenza milħuqa mix-xandara tas-servizz pubbliku għall-grupp ta' mira 20-49 naqas. It-tabella 6 toffri ħarsa ġenerali tal-prezzijiet gross li għandhom jitħallsu minn min jirreklama għall-grupp ta' mira 20-49.

Tabella 6

Prezzijiet gross għal kull GRP għall-grupp ta' mira 20-49 sena (18.00h – 24.00h) 1995 – 2005 f'€

	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
STER	1 470	1 496	1 499	1 315	1 485	1 541	1 562	1 624	1 816	1 932	1 890
Xandara kummerċjali	1 337	1 314	1 366	1 399	1 438	1 637	1 667	1 675	1 753	2 055	2 087

Sors: Ittra mill-awtoritajiet Olandiżi datata t-23 ta' Frar 2006.

(165) Fuq il-bażi tad-*data* pprovduta hawn fuq, il-prezzijiet elenkati ta' l-iSTER għal GRP 20-49 kienu biss ftit aktar baxxi mill-prezzijiet elenkati tax-xandar kummerċjali. Skond l-awtoritajiet Olandiżi x-xandara u l-iSTER jagħtu skonti pjuttost sostanzjali, speċjalment sa mill-1998. Dawn l-iskonti huma elenkati hawn taħt:

Tabella 7

Skonti proprji mogħtija fl-1994-2005 f' %

	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
STER	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Xandara kummerċjali	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

Sors: Ittra mill-awtoritajiet Olandiżi datata l-24 ta' Frar 2006.

(166) Għalkemm l-iSTER għandu udjenza inqas attraenti mix-xandara kummerċjali – huwa għandu selettività baxxa, u għalhekk jista' joffri gruppi ta' mira speċifiċi ħafna – u għandu sehem ta' udjenza u suq ta' reklamar aktar baxxi (ara t-Tabella 9 hawn taħt), il-prezzijiet netti tiegħu huma ogħla minn dawk tax-xandara kummerċjali.

Tabella 8

Prezzijiet netti għal kull GRP għall-grupp ta' mira 20-49 sena (18.00h – 24.00h), 1995 – 2005 f'€

	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
STER	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Xandara kummerċjali	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

(167) Mit-Tabella 9 jista' madankollu jirriżulta wkoll li hemm korrelazzjoni ċara bejn in-nuqqas ta' sehem ta' udjenza u sehem ta' reklamar għax-xandir pubbliku. M'hemmx evidenza li minħabba tnaqqis possibbli fil-prezzijiet l-iSTER qed iżid is-sehem tas-suq tiegħu jew, f'minimu, iżomm is-sehem tas-suq tiegħu minkejja t-tnaqqis fis-sehem ta' l-udjenza tax-xandara klijenti tagħha. Min-naħa l-oħra, l-iSTER qed jitlef is-sehem tas-suq ta' reklamar tiegħu b'pass simili bħalma x-xandara tas-servizz pubbliku qed jitilfu l-udjenza.

Tabella 9

Sehem ta' telespettaturi fis-suq tar-reklamar


	1998	1999	2000	2001	2002	2003
Udjenza tax-xandara kummerċjali	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Reklamar tax-Xandara Kummerċjali	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Udjenza tax-Xandara tas-Servizz Pubbliku	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Reklamar tax-Xandara tas-Servizzi Pubbliċi	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

Sors: Ittra ta' l-Awtoritajiet Olandiżi datata t-3 ta' Frar 2006.

(168) Finalment, m'hemmx evidenza li l-iSTER qed jitlef dħul minn reklamar sabiex iżid is-sehem tas-suq tiegħu.

Figura 1

Żvilupp tad-dħul gross u nett



(169) Mit-Tabella 7 u mill-Figura 1 jista' jiġi konkluż li l-iSTER offriet skonti konsiderevoli. Minkejja dan, mill-Grafika 1 jista' jiġi konkluż ukoll li, minkejja dawk l-iskonti, id-dħul nett mir-relamar baqa' relattivament kostanti. L-użu ta' skonti ma wassalx għal bidla kbira fid-dħul.

(170) Konsegwentement, l-ebda miċ-ċirkostanzi li tipikament takkompanja l-imġieba ta' tnaqqis żejjed ta' prezzijiet – jiġifieri: prezzijiet aktar baxxi, żieda fis-sehem tas-suq u telf temporanju ta' dħul – ma jidher li seħħew fis-suq tar-reklamar Olandiż. Għandu jerġa' jiġi enfasizzat, li l-iSTER hija kumpanija indipendenti tax-xandara tas-servizz pubbliku li d-dħul tagħhom imur direttament fil-Baġit tal-mezzi tax-xandir. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ħarġet bil-konklużjoni li m'hemmx indikazzjonijiet li l-iSTER naqqset il-prezzijiet sal-punt li wassal għal telf ta' dħul mhux meħtieġ li żied il-ħtieġa għal finanzjament ta' l-Istat addizzjonali tas-sistema ta' xandir tas-servizz pubbliku.

8.5.2.2. *Limiti għall-prezzijiet tar-reklamar*

(171) SBS Broadcasting BV argumentat li "it-tqabbil bejn il-prezzijiet biss ta' GRP 20-49 imħallsin lill-iSTER jew lil IP u/jew SBS ma jistax ikun kriterju esklussiv għall-istabbiliment dwar jekk l-iSTER għandhiex tnaqqas il-prezz jew le."

(172) SBS iddikjarat ukoll li l-ewwelnett, min jirreklama huwa dispost iħallas *premium* addizzjonali għall-GRP 20-49 offrut minn STER minħabba l-fatt li hija tilħaq ukoll persuni barra l-grupp ta' mira. Barra dan, il-prezzijiet ta' l-iSTER għal GRP 13+ (il-kategorija taż-żgħażagħ) għal twassil proprju huma fil-fatt ħafna iktar baxxi mill-prezzijiet tal-kompetituri kummerċjali għal GRP 13+. Dawn il-kwistjonijiet kienu ppreżentati mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Olandiżi ([66]).

(173) Rigward l-ewwel kwistjoni, għandu jkun ċar mill-bidu li kumpaniji ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom intenzjoni jilħqu grupp ta' mira meta jirriklemaw il-prodotti tagħhom. L-udjenzi barra l-grupp ta' mira huma irrilevanti. Waħda mill-kriterji għall-akkwist ta' ħin ta' reklamar hija s-selettività ta' l-udjenza mmirata. Jekk il-qasam tar-reklamar mhux selettiv, jiġifieri hemm ħafna mill-hekk imsejjaħ "ħela" (reklamar li jilħaq persuni barra l-grupp ta' mira) imbagħad il-qasam ta' reklamar isir inqas interessanti. Minħabba l-fatt li r-reklamar mibjugħ mill-iSTER għandu selettività baxxa – huwa jattira firxa wiesgħa ta' telespettaturi – huwa, skond l-awtoritajiet Olandiżi, fil-fatt diffiċli għall-iSTER li żżomm it-tariffi ta' reklamar tagħha. It-tieni, il-GRP 13+ huwa inqas importanti mill-GRP 20-49. L-informazzjoni fit-Tabella 5 turi l-importanza relattivament baxxa tal-GRP 13+ (informazzjoni konfidenzjali) u turi biċ-ċar li l-GRP 13+ mhux deċiżiv meta jiġi stabbilit tqabbil ta' prezzijiet. Kif iddikjaraw l-awtoritajiet Olandiżi, il-GRP 20-49 huwa ħafna iktar rilevanti. Il-fatt li l-prezz tal-GRP 13+ huwa aktar baxx fl-iSTER fil-fatt mhux prova li hemm tnaqqis ta' prezzijiet ġenerali mix-xandara tas-servizz pubbliku.

([66]) Ittra awtoritajiet Olandiżi datata l-4 ta' Jannar 2005.

8.5.2.3. *Konklużjoni dwar ir-reklamar*

(174) Konsegwentement, minkejja l-fatt li l-iSTER offriet skonti konsiderevoli, id-dħul totali li ġej mir-reklamar ma naqasx iżda żamm stabbli. Wara li vvalutat l-argumenti u t-tweġibiet l-oħrajn ta' l-awtoritajiet Olandiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li attwalment m'hemmx evidenza li l-iSTER ma pprovatx timmassimizza d-dħul ta' reklamar tagħha u li l-imġieba tagħha kienet ser twassal għal ħtieġa miżjuda għal finanzjament ta' l-Istat.

8.5.3. ***Drittijiet tal-futbol***

(175) F'dan l-istadju tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ddikjarat li ma kienx hemm indikazzjonijiet ċari li x-xandara ħallsu prezz għad-drittijiet ta' trasmissjoni ta' futbol li kienu strutturalment 'il fuq mill-valur tas-suq. Waħda mir-raġunijiet kienet li x-xandara tas-servizz pubbliku offrew ammonti ogħla matul in-negozjati milli x-xandara kummerċjali kienu lesti jħallsu għad-drittijiet tal-futbol. CLT-UFA ilmentat li x-xandara pubbliċi Olandiżi jħallsu prezzijiet eċċessivi għad-drittijiet tal-futbol. Il-Kummissjoni indikat li hija ser tivvaluta ulterjorment din is-sitwazzjoni.

(176) L-investigazzjoni li ġejja ma tipprovdix evidenza li x-xandara pubbliċi offrew aktar mix-xandara kummerċjali, lanqas li x-xandara tas-servizz pubbliku akkwistaw drittijiet ta' avveniment tal-futbol sal-punt li x'aktarx jagħlaq is-suq għall-kompetituri. Tabilħaqq, jinsabu eżempji ta' drittijiet tal-futbol importanti miżmuma mix-xandara kummerċjali matul il-perjodu taħt investigazzjoni (ara l-paragrafu 55).

(177) Madankollu, peress li prattiċi mhux kompetittivi speċifiċi ma setgħux jiġu identifikati fil-proċedura preżenti, il-kwistjoni dwar jekk is-sistema nniffisha toffrix salvagwardji suffiċjenti kontra l-possibbiltà ta' imġieba mhux kompetittiva ser tkun is-suġġett tal-proċedura E-5/2005 dwar għajnuna eżistenti.

9. KONKLUŻJONI

(178) Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li kien hemm kumpens żejjed ta' € 98,365 miljun mogħti permezz tal-miżuri ta' l-għajnuna ta' l-Istat li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala kumpatibbli mas-suq komuni abbażi ta' l-Artikolu 86(2) tat-Trattat tal-KE u għandu għalhekk jiġi rkuprat min-NOS għall-funzjonijiet imwettqin bħala PO.

(179) Minkejja dan, minħabba l-fatt li l-kumpens żejjed jeċċedi t-total ta' ħlasijiet *ad hoc* akkumulati lill-PO u jammontaw għal total ta' € 76,3 miljun, l-irkuprar għandu jkollu limitu massimu ta' € 76,327 miljun bl-interessi miżjuda ma' dan, peress li l-kumpens żejjed "li jibqa'" ġie mogħti permezz ta' l-għajnuna eżistenti u ma jistax jiġi rkuprat.

ADOTTAT ID-DEĊIŻJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

1. L-għajnuna ta' l-Istat *ad hoc* li l-Olanda tat lil PO għall-kompiti tas-servizz pubbliku tagħha fi ħdan is-sistema tax-xandir tas-servizz pubbliku fl-Olanda hija inkumpatibbli mas-suq komuni.

2. L-għajnuna ta' l-Istat *ad hoc* inkumpatibbli għandha tiġi rkuprata mill-PO. L-ammont li għandu jiġi rkuprat mill-PO huwa € 76,327 miljun, bl-interessi miżjuda ma' dan.

3. L-għajnuna ta' l-Istat *ad hoc* mogħtija lix-xandara tas-servizz pubbliku hija kumpatibbli mas-suq komuni previst li, safejn tali għajnuna tirriżulta f'kumpens żejjed tal-kompiti tas-servizz pubbliku, l-eċċess jinżamm f'riżerva b'għan speċjali, li l-ammont tagħha ma jeċċedix l-10 % tal-baġit annwali tax-xandar u sakemm il-konformità ma' din il-limitazzjoni hija vverifikata regolarment mill-Olanda.

Artikolu 2

1. L-Olanda għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirkupra mill-PO l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 u li ngħatat illegalment lill-benefiċjarju.

2. L-irkuprar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u skond il-proċeduri tal-liġi nazzjonali, skemm dawn jippermettu t-twettiq immedjat u effettiv tad-deċiżjoni. L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandha tinkludi l-interessi mid-data li fiha kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data ta' l-irkuprar tagħha.

3. L-interessi li għandhom jiġu rkuprati taħt il-paragrafu 2 għandhom jiġu kkalkolati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 tal-21 April 2004 ([67]).

4. Fi żmien xahrejn min-notifika tad-deċiżjoni preżenti, l-Olanda għandha tordna lill-benefiċjarju msemmi fl-Artikolu 1 biex jirrimborża għajnuna illegali u inkumpatibbli u l-interessi dovuti.

Artikolu 3

L-Olanda għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u li huma ppjanati biex ikunu konformi magħha. Hija ser tipprovdi din l-informazzjoni bl-użu tal-kwestjonarju mehmuż fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni. L-Olanda għandha tippreżenta fi ħdan l-istess perjodu ta' żmien, id-dokumenti kollha li jagħtu evidenza li l-proċeduri ta' rkupru nbdew kontra l-benefiċjarju ta' l-għajnuna illegali u inkumpatibbli mogħtija.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni

([67]) ĠU L 140 tat-30.4.2004, p. 1.

ANNESS

INFORMAZZJONI RIGWARD L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI C 2/2004

1. **Numru totali ta' benefiċjarji u l-ammont totali ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata**

1.1. Jekk jogħġbok spjega fid-dettal kif ser jiġi kkalkolat l-ammont ta' l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata minn benefiċjarji:

— Is-somma prinċipali

— L-interessi

1.2. X'inhu l-ammont totali ta' għajnuna mhux illegali mogħtija taħt din l-iskema li għandu jiġi rkuprat (ekwivalenti ta' għajnuna gross; prezzijiet ta' ...):

1.3. X'inhu l-ammont totali ta' benefiċjarji li minnu għandha tiġi rkuprata l-għajnuna mhux illegali mogħtija taħt din l-iskema:

2. **Miżuri ppjanati u diġà meħuda għall-irkuprar ta' l-għajnuna**

2.1. Jekk jogħġbok iddiskrivi liema miżuri huma ppjanati u liema miżuri diġà ttieħdu biex jiġi effettwat irkuprar immedjat u effettiv ta' l-għajnuna. Jekk jogħġbok indika wkoll fejn rilevanti l-bażi legali għall-miżuri meħudin/ippjanati.

2.2. Sa liema data ser jiġi kompletat l-irkupru ta' l-għajnuna?

3. **Informazzjoni mill-benefiċjarju individwali**

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji għal kull benefiċjarju li minnu għajnuna mogħtija mhux kontra l-liġi taħt l-iskema għandha tiġi rkuprata fit-tabella hawn taħt.

Benfiċjarju	Ammont ta' għajnuna mogħtija mhux kontra l-liġi (*) Valuta….	Ammonti rimborżati (°) Valuta...

(*) L-ammont ta' għajnuna għad-dispożizzjoni tal-benfiċjarju (f'ekvivalenti ta' għajnuna gross; fi prezzijiet ta' …..).
(°) Ammonti rimborżati (inkluż l-interessi).